# Leħen il-Malti

MAHRUĠ

MILL-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA')

IBŻA' GHALL-ILSIEN MALTI JEKK THOBB LIL MALTA
GHAX MALTA U LSIENHA JGHIXU U JMUTU FLIMKIEN

L-XXXVI SENA 1967 GHADD 12

## Il-Kumitat ta' l-Għaqda tal-Malti (Università)
## 1966/67

| | |
|---|---|
| *President:* | Professur Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.), F.R.A.S. |
| *Viċi-President:* | Ġużè Cardona, B.A.(Hons.) |
| *Segretarju:* | Alfred Degabriele |
| *Asst. Segretarju:* | Albert Marshall |
| *Teżorier:* | Henry Frendo |
| *Asst. Teżorier:* | Ġorġ Cassar |
| *Delegat għall-Kors ta' fil-għaxija:* | John M. Sant |
| *Membri:* | Patri Alfred M. Previ, O.P. |
| | Joyce Vella Haber |

* * * * *

### Fergħa Drammatika

John M. Sant

Albert Marshall

Ġużè Cardona, B.A.(Hons.)

# LEHEN IL-MALTI

L-XXXVI 1967 GHADD 12

DAN IL-GHADD FIH:

EDITORJAL: *Għadna Kolonjali?* – Fr. P.K. RAPA: *Dak li niftakar fuq ħija Laurent Ropa* – E. MIFSUD: *Idejat soċjali f'"Il-Polz ta' Malta" u f'"Taħt Tliet Saltniet"* – Fr. J. CREMONA: *Militi Ingnoto; Indiema; Bandieri Maltin* – J. BONELLO: *"Fittijatru" il-palk ta' Aquilina* – M. CASSAR: *Bernardetta ddoqq il-pjanu; Ngħannilek, binti; Bernardetta tonfoħ flawt* – J. CAMILLERI: *Mbix indiema* – G.L. BONNICI: *Din hi t-trejqa tiegħek; Il-jum tat-tieġ* – T. CINI: *Hdejn iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata f'Novembru; It-Titanic* – P. CACHIA: *Ix-xorti tiegħi* – A. MARSHALL: *Int min int?* – A.D.: *L-ikkundannata* – G. MUSCAT AZZOPARDI: *Apprezzament* – G. AQUILINA: *Memorandum; Fittixt.*

## EDITORJAL – GHADNA KOLONJALI?

L-INDIPENDENZA għalqet il-bieb ta' l-Imgħoddi u fetħet il-bieb tal-Ġejjieni. Billi l-bieb il-qadim m'ilniex li għalaqnieh, ilkoll għadna niftakru ż-żmien ta' meta ma kellniex rajna f'idejna. Għax konna żgħar fid-daqs dejjem ridna minn għand ħaddieħor. Konna rridu mhux biss minn għand l-Ingliżi li għandhom il-flus, imma minn kull ġens ieħor li ħakem il-gżejjer tagħna. L-istorja tal-kolonjaliżmu politiku Malti għandha mill-inqas 2,000 sena. Ġie li konna maħqurin u misfufin bħalma konna maħruqin u misfufin meta Malta kienet taħt il-Viċi Re ta' Sqallija u kien hemm xi żmien meta ma nistgħux ngħidu li konna maħqurin bħal fi żmien l-Ingliżi li tgħallimna ħafna minn għandhom.

Imma sewwa sew għax konna taħt popli oħra, rridu dejjem minn għandhom, ir-ruħ Maltija qatt ma kibret u merħet fid-dinja sħiħa tal-ħelsien. Ġol-vini tagħna trabba d-demm ta' l-ilsiera; il-biża' tan-nies bis-setgħa fuqna li ħafna ma jissugrawx jiftħu ħalqhom biex igħidu kelma biss fuqhom għaliex jibżgħu. In-nies fis-setgħa min-naħa l-oħra, għax jibżgħu mill-kritika li tikxef għawarhom, isikktu l-ħluq billi jinqdew bl-istess setgħa li għandhom ħalli jbeżżgħu lil min igħid xi ħaġa fuqhom.

Ilna tliet snin indipendenti imma r-ruħ Maltija għadha marbuta mal-ktajjen tal-jasar barrani. Fl-aħħar mill-aħħar, 2,000 sena ta' kolonjaliżmu mhux ser jitħassru minn moħħna kif ġieb u laħaq. Bħalma riedu jgħaddu s-snin minn fuq is-Suwed ta' l-America biex iħossu rwieħhom ċittadini ħielsa bħall-bojod u jiġġieldu, kif qegħdin jagħmlu, kontra d-diskriminizzjoni tar-razza, hekk ukoll iridu jgħaddu ħafna snin oħra minn fuqna l-Maltin biex nidraw inkunu indipendenti mhux biss fil-politika tagħna ma' l-Ingilterra w bejn partit u ieħor, imma fil-karattru tagħna wkoll.

X'jiswa li l-barranin ifaħħru t-tjubija tagħna talli nilqugħhom f'pajjiżna b'idejna miftuħa, jekk imbagħad ħafna huma ħodor għal xulxin?

Imma bħalissa għandi f'moħħi l-ilsien Malti. Kif fakkart kemm-il-darba lill-istudenti tiegħi ma kienx ikun hemm ilsien Malti kieku ma kienx hawn poplu Malti. Kieku kellha taqa' bomba nukleari fuq Malta u teqridna minn wiċċ id-dinja, lkoll kemm aħna, konna ninqerdu mhux biss aħna. Magħna kien jinqered l-ilsien Malti li f'disgrazzja bħal din kienu jistgħu jżommuh ħaj biss il-Maltin ta' barra sa kemm jibqgħu jitkellmuh bejniethom. Il-Malti huwa element neċessarju tan-nazzjonalità Maltija. Hekk qal, kiteb u għanna fil-poeżija tiegħu Dun Karm Psaila. Bħalu ħassew u qalu kit-ieba eqdem li għexu qablu u oħrajn iżgħar li għexu u għadhom igħixu warajh. Tiftakru l-poeżija ta' Dun Karm *Għaliex?* u l-ewwel vers li jiftaħ il-poeżija twila tiegħu *L-Għanja tat-8 ta' Settembru:* "Iżda bi lsienek ngħannihielek l-għanja?" Dan il-programm ta' nazzjonalità Maltija xandru għall-ewwel darba, u bata ħafna għalih, l-istudjuż M.A. Vassalli. Meta Malta waslet biex tkun Indipendenti ma setax jonqos li l-Malti, li hu biċċa minna, jkun magħruf bħala l-ilsien uffiċjali tan-nazzjon. Imma l-istess Gvern li tella' l-Malti fil-għoli daqshekk ma jidhirx li għadu ħa bis-serjetà biżżejjed il-ġieh ta' lsien il-poplu bħala xhieda ta' l-Indipendenza sħiħa. Daqskemm laħaq inqala' tfixkil fl-imgħoddi, għad ma trab-bietx fina dik il-kburija ta' lsien twelidna li popli oħra għandhom għal ilsienhom. Hafna ma jħossu xejn minn dik il-kburija li l-ġens ta' Israel iħoss għal lsien Lhudi li qajmu mill-imwiet u taħ l-*istatus* ta' lingwa uffiċjali mitkellma. Jitkabbru bi lsienhom iżjed minna l-Għarab, iċ-Ċiniżi, l-Ingliżi, l-Franċiżi, u n-nies tad-dinja kollha li jħossuhom ħaġa waħda ma' lsien missierijiethom.

Id-Dell ta' l-Imgħoddi għadu ma twarrabx minn fuqna. Hafna biex jagħ-mluha tal-ħelwin, l-aktar tfajliet u nisa tal-bon ton, jitkellmu taħlita ta' l-Ingliż ħażin ma' Malti mfarrak biex, bħal dak li qallu, juru li daqs kemm huma nies tal-puliti, klassi għalihom, l-anqas jafu jitkellmu l-ilsien tal-ħaddiema Maltin. Għajb għall-iskejjel li ħarġu minnhom!

Min-naħa l-oħra xi kapijiet tal-ħaddiema Maltin, għalkemm huma nfus-hom ulied nies tax-xogħol li ma setgħux iħallsulhom skola twila biex jieħdu professjoni, tarahom iwarrbu l-ilsien Malti u hekk jaqgħu fl-istess żball tal-klassi professjonista li dari kienet tuża t-Taljan flok il-Malti għax it-Taljan kien l-ilsien tal-kultura u l-Malti l-ilsien tal-kċina. Din il-kċina dak iż-żmien kienet is-simblu solenni tal-klassi tal-ħaddiema kollha. Fi ftit kliem, aħna poplu mħawwad. Minn għalina li ħelsin, imma għadna mjassrin ma' drawwiet qodma.

Meta ser nirbħu t-taqbida għall-Indipendenza tal-karattru Malti? Meta ser inkunu tassew nies ħielsa?




LEHEN IL-MALTI JISSIEHEB FIN-NIKET TA' L-ARMLA MARGUERITA ROPA, IL-FAMILJA TAGHHA U HUTU FIL-MEWT TA' ŻEWĠHA LAURENT, GHAWDXI MIX-XAGHRA, LI GHALKEMM GHEX U KITEB BIL-FRANĊIŻ BARRA MINN MALTA, BAQA' MALTI F'RUHU U HARES IL-ĠIEH TA' LSIEN MALTI FI ŻMIEN META BARRANIN U XI MALTIN QADDEJJA TAGHHOM KIENU QEGHDIN JAGHMLU MINN KOLLOX BIEX IŻEBILHUH HALLI POSTU JIEHDU LSIEN BARRANI

# DAK LI STAJT NIFTAKAR FUQ HIJA LAURENT ROPA

Ta' P. Piju K. Rapa, O.P.

Ma kellix ħsieb nikteb fuq ħija Lsurent Ropa. Jekk kellu jinkiteb xi ħaġa dwaru, deherli li dan ma kellux isir minni imma minn xi ħadd barra mill-familja tagħna. Kien il-Professur Ġuże Aquilina li talabni, wara l-mewt ta' Laurent, li nikteb xi ħaġa "fuq dak li niftakar fuqu". B'dan jiena nifhem li l-għan ta' dawn l-erba' kelmiet m'huwiex li nfaħħar lil ħija, imma nsemmi xi rqaqat tal-ħajja tiegħu li kienu jibqgħu moħbijin kieku ma nsemmihomx jien. Għall-imħabba ta' ġensna u ta' l-Ilsien Malti lqajt it-talba tal-Professur Aquilina.

Nibda billi ngħid lil min ma jafx, li hawn Malta nkiteb fuq ħija Laurent fit-Tieni Ktieb 1937 ta' *Il-Malti* ta' l-*Għaqda* (illum *Akkademja*) kif ukoll fin-numru 12/58, Marzu 1958, tas-sensiela "Tajjeb li tkun taf", artiklu li sewwa sew ħdax-il ġurnata qabel il-mewt ta' Ropa, nġieb tista' tgħid kelma b'kelma fin-numru 421, 18 ta' Marzu 1967, ta' *Ir-Review*. Dawn it-Tnejn ta' l-aħħar huma maħruġin mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. Jista' jkun li dehret xi kitba oħra li ma ġietx f'idejja. Fejn nista', ma ntennix dak li nkiteb f'dawn l-artikli jekk mhux biex niċċara xi ħaġa.

Minni u minn ħija Laurent ġara l-maqlub ta' xulxin. Huwa twieled Għawdex, ix-Xagħra, (f'dar li qiegħda fit-Triq Bullara fit-tarf tagħha li jieħu għal fuq *Il-Ġebel*), u ta' sentejn ħaduh Bona (Alġerija) fejn trabba, u mbagħad Franza fejn ħadem u miet; u jiena twelidt Bona minn fejn, wara l-mewt t'ommi, ġabuni tifel ta' madwar seba' snin hawn Malta biex trabbini z-zija, oħt ommi, u rrid naħseb hawn ukoll nindifen. Donnha ħaġa ma titwemminx, ngħidilkom li miż-żmien din il-firda aħna qatt ma rajna iżjed lil xulxin jekk mhux fir-ritratti u qatt ma tkellimna bejnietna jekk mhux bil-kitba. Fl-għomor tagħna hemm bejnietna qabża ta' tnax il-sena: huwa twieled fil-Milied ta' l-1891 u jiena f'Jannar ta' l-1903. Meta jiena wasalt fi żmien li stajt nifhem u niftakar dak li kien jiġri madwari, ħija Laurent kien diġa żagħżugħ ta' madwar is-sittax-il sena, u meta nfridna kellu madwar l-għoxrin sena. Terġa', mis-sittax sal-għoxrin sena kien iż-żmien li ħija Laurent għaddieh fil-kulleġġi, l-ewwel Bona u mbagħad Konstantina, jiġifieri, żmien li l-biċċa kbira tiegħu għaddieh 'il-bogħod mid-dar u għalhekk 'il-bogħod minni wkoll. Minn dan tifhem, mela, għaliex ma sibtx ħafna x'ngħidilkom fuq dawn is-snin li konna flimkien f'darna Bona. Forsi tixtiequ tkunu tafu għaliex qatt ma ltaqajna wara li nfridna minn xulxin

biex jiena niġi Malta. Ngħidilkom ukoll. Hija wara l-Ewwel Gwerra Dinjija qatagħha li jħalli l-Alġerija biex jingħaqad ma' martu, Franza, fejn laħaq Direttur (Headteacher) tal-villaġġ Sille-le-Guillaume. Meta jiena, wara li qaddist, mort Bona għal tlitt darbiet biex nara lill-familja, lil ħija Laurent ma kontx nista' narah billi huwa kien ikun Franza, u Franza qatt ma mort. Hija kien darba għamel il-ħsieb li, wara li jeħles mill-iskola, jagħmel vjaġġ sa Malta, imma meta wasal iż-żmien qata' qalbu minħabba saħħtu.

Min ma qarax l-artikli fuq ħija msemmijin hawn fuq, jista' jitħasseb xi ftit u jistaqsi bejnu u bejn ruħu: Kif inhi din il-biċċa li Laurent Ropa u P. Rapa huma aħwa jekk il-kunjom m'huwiex l-istess? Ngħidilkom mill-ewwel li hu l-istess kunjom. Qatt smajtu kif ilissnu n-nies Għawdxin u tar-rħula ta' Malta l-kelmiet: Malta, ħmara, vara, patata u kliem ieħor bħal dan? Mhux MOlta, HmOra, vOra u patOta? Hekk ukoll il-kunjom Rapa ilissnuh Ropa. Dana smajtu b'widnejja jiena stess meta kont immur ix-Xagħra f'żgħożiti. Ma nafx illum minħabba l-iskola għadhomx l-istess. Hu x'inhu, missieri ta' Għawdxi li kien u mix-Xagħra, kunjomu semgħu f'widnejh u tgħallmu bħala Ropa u hekk lissnu huwa, u hekk kitbuh dawk li f'Bona riedu jniżżluh f'xi dokument, billi missieri, għax bla skola, ma kienx jaf jagħtihulhom bil-miktub. B'hekk il-familja kollha saret Ropa u jiena magħhom. Minħabba f'hekk dħalt fi praspura jiena wkoll meta ġejt Malta. Sajjem għal kollox fuq din il-ħaġa, jiena kont ngħid li ismi kien Ropa u hekk niżżluni fl-iskola Elementari ta' S. Wistin, il-Belt, u fl-Istitut tad-Duttrina tal-Vitorja (Buon Pastur), il-Belt ukoll. Ma nafx kif, wara żmien sirt naf li kunjomi jinkiteb Rapa u minn dik inhar bdejt ngħidu u niktbu hekk. Meta tarraft b'din il-biċċa lil ħuti, huma weġbuni bħal Pilatu: Dak li nkiteb, inkiteb. U bqajna sejrin hekk: huma Ropa bl-aċċent fl-aħħar sillaba bħal Franċiżi, u jiena Rapa. Għamilna sewwa? *Ai posteri l'ardua sentenza*! Naf li nħoloq kunjom ġdid: Ropa, u dan biex jibqa' jgħix jeħtieġ li ma jaqtax in-nisel tas-subien minn ħija Laurent; s'issa miexi għaliex ħija kellu tifel u dan iżżewweġ u għandu tifel ukoll li għadu ġuvnot. Nibqgħu sejrin jew nieqfu hawn?...

Tajjeb tkunu tafu f'liema qagħda kienet tinsab il-familja tagħna f'Bona fiż-żmien it-trobbija u l-istudju ta' ħija. Meta ommi b'żewġt itfal, il-kbir Toni (Antoine) ta' ħames snin u l-ieħor Wenzu (Laurent) ta' sentejn, marret Bona bil-ħsieb, kif stqarret hi lil ħutha hi u tinfired minnhom, li ma terġax lura, missieri kien ħaddiem ir-raba' ma' ħaddieħor. Biż-żmien irnexxielu jieħu bi qbiela ġnien li kien fl-inħawi ta' msejħin l-Allelik. Risqu ma kienx tajjeb il-ġnien għaliex tgħidx kemm tatu bil-ħarta x-xorti lil missieri fl-ewwel snin li ħadu f'idejh! Is-swieni jonqoshom l-ilma, ir-raba' ma jagħtix wiċċ tajjeb, il-bhejjem imutulu jew jisirquhomlu, l-aħjar

bagħal li kellu jmutlu mgħallaq fis-sienja, missieri hu u ġej mis-suq, jonforlu ż-żiemel u hu jaqa' mill-karru u jikser riġlu; fl-aħħar konna sejrin nitilqu l-ġnien u konna diġà bdejna nġorru li ma ndaħalx għalina wieħed Għawdxi li biex igħin lil missieri daħal sħab miegħu fil-ġnien. Kienet xewqa t'ommi li lil ħija l-kbir Antoine tqabbdu t-triq ta' l-iskejjel, imma kellha twaqqfu biex jidħol fix-xogħol tal-ġnien flok missieri meta dan korra. Issa għandna lil Laurent: jeħtieġ li dan ma jiqafx mill-istudji, jiswielha kemm jiswielha. Bil-għaqal u bis-skiet kienet tħaddem moħħha biex twarrab xi sold ħalli tlaħħaq mal-ispejjeż tiegħu waqt li qalbha kienet qiegħda tinfena u saħħitha sejra lura minħabba l-hemm li ma riedx donnu jitwarrab mid-dar.

Ħija Laurent wera minn ċkunitu l-ħajra li jitgħallem u għalhekk kienet għal qalbu x-xewqa t'ommi. Missieri kien igħid li meta kien jibagħtu jindokra xi erba' nagħġiet jirgħu fir-raba, Laurent kien dejjem jieħu xi ktieb miegħu. Meta mbagħad kien ikun jistudja d-dar lilna ż-żgħar ma kienx iridna nilagħbu u ngħajtu fil-qrib u jekk xi darba konna ninsew kien jinżel għalina. Mill-iskola elementari ta' Allelik għadda għal dik tal-Belt ta' Bona u minn hawn għal dik ta' Konstantina fejn laħaq teacher.

Sadattant ommi, milquta minn marda qalila, kienet sejra dejjem għallagħar u aħna ż-żgħar ma konna nifhmu xejn. Darba waħda konna ħerġin mill-iskola wara nofs inhar u qalulna li ġew għat-teacher, li kienet xebba fl-aħjar tagħha, minħabba ommi; meta wasalna d-dar sirna nafu li ommi kienet qiegħda tmut. Tellgħuna ħdejha biex inbusuha u bisna dak wiċċha musfar, bla naf kinetx mejta jew ħajja. Ħija Laurent kien Konstantina u bagħtu għalih; wasal l-għada wara nofs inhar u jsibha mejta fit-tebut u aħna qegħdin inlestu biex noħduha l-Belt għall-funeral u d-difna. Niftakru żagħżugħ fuq tiegħu bi ġlekk twil ta' student, b'ċoff iswed m'għonqu bittruf tiegħu twal mitluqin għal fuq sidru. Qabel ma ħarġu l-katavru mid-dar, aħna tal-familja ersaqna lkoll nagħtuha l-aħħar bewsa, u mbagħad tlaqna għall-Belt fejn l-ewwel għaddejna l-Parroċċa għat-talb tad-difna u wara bil-mixi morna ċ-ċimiteru. Hawnhekk il-katavru tqiegħed fil-fossa u aħna lkoll, wieħed wara l-ieħor, tfajna bil-pala ftit trab fuqu u ndifen. Kienet l-ewwel esperjenza tal-mewt, u din ġrat bil-firda tal-bniedma l-iżjed għażiża li kellna: ommna. U llum ninsabu mifrudin mhux minn ruħha biss, li nittamaw qiegħda l-Ġenna, imma wkoll minn ġisimha li baqa' waħdu fiċ-ċimiteru ta' Bona billi missieri jinsab midfun f'pajjiżu, ix-Xagħra, u ħuti l-oħra kollha bil-familja tagħhom marru Franza, minħabba l-Indipendenza ta' l-Alġerija. Jekk l-Għarab Alġerini jibqgħu jqimu l-oqbra ta' l-Insara, il-lapida minquxa b'isem ommi mqiegħda fuq qabarha tibqa' tfakkar li hemmhekk jinsab midfun il-ġisem ta' omm il-Poeta ta' l-Allelik: Laurent Ropa.

# IDEJAT SOĊJALI F' "IL-POLZ TA' MALTA" U F' "TAĦT TLIET SALTNIET"

Ta' EMMANUEL MIFSUD

IL-LETTERATURA dan l-aħħar saret mezz qawwi ħafna biex il-kittieb jagħti fehemtu fuq il-problemi soċjali ta' żmienu. Biżżejjed insemmu l-poeżija psiko-analitika ta' Wallace Gulia, id-drammi ta' Ibsen, il-kanzunetti ta' protesta ta' Dylan, l-epigrammi ta' Buttiġieġ, u l-enċiklići tal-Papiet. Il-professur Ġużè Aquilina wkoll ħass il-ħtieġa li jagħtina fehemtu fuq il-problemi soċjali ta' żmienna u jdawwal l-imħuħ tal-Maltin bid-dawl ta' l-argumenti qawwijin tiegħu. Dan Aquilina għamlu fost xogħlijiet oħra fir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet*, u iktar tard permezz ta' l-essays miġburin fil-ktieb *Il-Polz ta' Malta*. F'dawn ta' l-aħħar Aquilina jagħtina t-tejorija, sensiela ta' argumenti li juru n-nuqqasijiet tas-soċjetà u l-mezzi li jistgħu isewwuhom, waqt li f'*Taħt Tliet Saltniet* ilibbes, biex ngħid hekk, il-fehmiet tiegħu bil-laħam biex joħroġ il-karattri li juru l-konflitti ta' l-idejat. U l-protagonista tar-rumanz hu Alessandru, karattru idealizzat li jservi ta' riegla li magħha jitkejlu l-kwalitajiet tajbin u ħżiena tal-karattri l-oħrajn. Fl-essays għandna t-tejorija, fir-rumanz it-tejorija mqiegħda fil-prattika, is-Sewwa fil-ħajja ta' kuljum. Għalhekk ma jistax jonqos li r-rumanz ukoll jieħu xejra x'aktarx didattika, imma l-awtur għaraf iżewwaq il-filosofija tar-rumanz b'għadd ta' episodji sbieħ, romantiċi u patrijottiċi, li jaħkmu l-immaġinazzjoni tal-qarrej u joħorġu l-argumenti bla ma jdejqu.

Il-qofol ta' l-argument huwa l-Haqq kif iridu Alla. Għidt kif iridu Alla, għax il-bnedmin tad-dinja ħafna drabi jimxu wisq xort'oħra. Tassew, ir-regħba għall-flus u għas-setgħa hija qawwija wisq u tirbaħ il-kotra tal-bnedmin. U, kif igħidilna Aquilina fl-essay *Il-Faqar Soċjali*, "il-frott tar-regħba hu għana żejjed minn naħa (kapitaliżmu bla lġiem) u faqar (proletarjat) minn naħa l-oħra". Hekk jinħoloq żbilanċ kbir fil-ħajja ekonomika u soċjali tal-pajjiż, u tibda l-mibegħda bejn iż-żewġ klassijiet, jew, skond il-qawl Malti, bejn min hu mejjet għal qatra u min hu mejjet bis-sakra. Il-ħsieb ta' Aquilina huwa li jseħħ il-ħaqq soċjali mibni mhux fuq it-tejorija Kommunista li teqred il-proprjeta privatà, imma fuq is-soċjoloġija Nisranija li ssejjes il-ħajja ekonomika tas-soċjetà Nisranija fuq il-propjetà privata. Hekk fl-aħħar jintlaħaq il-bilanċ ekonomiku mixtieq bejn il-klassijiet u jkollna, flok il-ġlied u d-dwejjaq li ġġib il-firda tal-klassi, l-imħabba u l-paċi fil-pajjiż. Għalhekk jekk jinqerdu l-abbużi tal-kapital-

iżmu nistgħu noħolqu soċjetà ferħana, immexxija mid-dawl tat-tagħlim Nisrani. L-idejal t'Aquilina huwa li jintlaħaq dan il-bilanċ fil-ħajja soċjali, mibni fuq il-ħaqq u l-imħabba u mhux fuq il-mibegħda u l-esplojtazzjoni tal-ħaddiem — idejal li jagħtihulna tajjeb ħafna Dun Karm ukoll fil-poeżija *Il-Musbieħ tal-Mużew*, meta jiddeskrivi l-ħajja ta' l-Insara fl-ewwel żmenijiet tal-Kristjaneżmu:

*Jinġabru l-Insara*
*— Il-għonja, l-fqajrin —*

*U jieħdu u jroddu*
*Il-bewsa tas-sliem,*
*U, waqt illi jgħannu*
*ta' David il-kliem,*

*Dwar mejda tal-ħaġar*
*Jintasbu flimkien,*
*Mingħajr l-ebda għażla*
*Ta' ġ ieħ u ta' żmien,*

*U ż-żejjed tal-għani*
*Man-nieqes tal-fqir*
*Jitħallat, u jiekol*
*Iċ-ċkejken mal-kbir.*

Għax il-knisja dejjem għallmet li l-fqir u l-għani huma ndaqs, u għalhekk l-għani għandu jħenn għall-fqir u jgħinu b'ġidu biex jintrafa' mill-faqar. U din kienet ukoll il-ħolma ta' Alessandru Habela, li għalkemm kien l-iben waħdieni ta' familja mill-ogħna tal-gżira, dejjem fittex li jgħin lill-fqir maħqur u batut.

Dan l-idejal ta' mħabba u għajnuna għall-klassi tal-foqra nsibuh idawwal ħafna mill-essays ta' *Il-Polz ta' Malta.* U lill-foqra għandna ngħinuhom bi tliet modi: l-ewwel, billi ma nesplojtjawhomx; it-tieni, billi nagħtuhom dak li jeħtieġu għall-ħajja; u t-tielet, imma forsi l-iktar importanti, li ngħinu lill-ħaddiem billi ndawlulu moħħu, billi ngħallmuh. Għidt l-ewwel: billi ma nesplojtawhx, jiġifieri billi l-għani ma jabbużax minn ġidu biex iżomm il-ħaddiem mirfus taħt saqajh u jagħsru mingħajr ħniena. Alessandru wkoll kien iħabrek biex jara l-għani jġib il-fqir kif jixraqlu. U ma naqasx li jagħmel sehmu wkoll. Qabbel ftit l-imħabba ħażina tal-Kavallier Royas, li kien japprofitta ruħu mill-posizzjoni tiegħu, għal Pawlina, u l-imħabba safja u sinċiera ta' Alessandru li ma qiesx in-nisel nobbli tiegħu imma niżel u tħallat mal-ħaddiema tar-raba'. Għax tassew, Alessandru bi żwieġu ma' Pawlina ta xhieda bil-fatti ta' dak li kien jemmen.

Alessandru kien imdawwal b'idejat ġodda u kien jobgħod il-jasar soċjali, li ommu kienet tant temmen bih, u ħeles il-qaddejja t'ommu għax, skond it-tagħlim ta' Kristu, kien jemmen li l-għonja mhumiex aħjar mill-foqra. Hu stess qal lil Pawlina: "Niesek, ħanina, aktar nobbli minn niesi għax nisilhom hu eqdem. Li ma kinux niesek l-ewwel, kieku ma kinux ikunu niesi. L-ikbar nies tad-dinja kienu u jibqgħu l-ħaddiema ta' l-art". U f'Alessandru dan il-ħsieb, li wieħed m'għandux japprofitta ruħu għax jiflaħ iktar minn ħaddieħor, kien iġiegħlu jaqbeż mhux biss għall-ħaddiem maħqur (kif insibuh jagħmel kemm-il darba f'*Taħt Tliet Saltniet*), iżda saħansitra għal sempliċi nsett li Spiru, ħu Pawlina, kien qiegħed jaħqar.

Lill-fqir ngħinuh ukoll bil-flus. U fuq dan il-professur Aquilina, jisħaq ħafna f'*Il-Polz ta' Malta*. Għax lill-magħkus mhux biżżejjed issabbru u tgħidlu "Alla jgħinek"; Alla jgħinu, imma permezz tal-ġid li ta lilek. "Itma' lil min hu bil-ġuħ" għandu jkun il-motto ta' kull min għandu iktar milli jeħtieġ. U fl-essay *Il-Għaliex il-Kommuniżmu qiegħed jirbaħ?* l-awtur iħaqqaq li "Hawn Malta qatt ma kellna liġijiet soċjali suret in-nies. Għad għandna l-ħafa; il-kotra tal-Maltin u tal-Għawdxin ma jafux jiktbu u anqas jaqraw; ma kellhom l-ebda tagħlim tas-snajja bis-serjetà; l-ebda ħarsien għall-fqar mill-qagħad, il-mard u x-xjuħija; kif ukoll nuqqas ta' servizzi soċjali oħra".* Aquilina jgħid li sar iż-żmien meta t-tagħlim Nisrani li dejjem tgħallimna f'pajjiżna nqegħduh fil-prattika jekk irridu nuru lill-fqir batut li s-soluzzjoni li jagħti għall-problema tal-faqar mhix ħrafa; u fl-essay *Il-Faqar Soċjali* jsemmi bħala eżempju l-ħafna kerrejiet fil-bliet tagħna li qed iservu ta' ħsara kbira għar-ruħ u għall-ġisem għal dawk li jgħixu fihom u mela għall-pajjiż kollu. U Aquilina donnu jistaqsi ma' Bob Dylan:

"*How many years can a man turn his head pretending that he doesn't see?*"

Kemm sa ndumu ninħbew wara subgħajna? Kemm sa ndumu ngħallmu ħwejjeġ li fil-prattika ma nagħmluhomx? U Alessandru Habela wkoll kien jemmen li lill-fqir jeħtieġ li l-ewwel nitimgħuh imbagħad ngħallmuh u nħaddmuh. U fil-ħajja tiegħu insibuh dejjem jgħin lill-foqra minn flusu stess; lill-bidwi fqir li ma kellux mnejn iħallas il-qbiela, lill-armla Pina ta' Vangu u wliedha, lill-ibleh tal-wied, u ħafna oħrajn. U meta ommu tagħtu f'idejh il-ġid tal-familja biegħ kollox, sa ċ-ċurkett tan-nobbiltà, u l-flus qassamhom lil min kien fil-bżonn.

U, fl-aħħarnett, lill-fqir jeħtieġ li ngħallmuh. Ngħallmuh mhux biss kif

*Ma għandniex ninsew li dan l-essay inkiteb fl-1948, u li minn dak iż-żmien 'l hawn, b'riħet it-tħabrik ta' għadd ta' Maltin bil-għaqal, fosthom l-awtur innifsu, il-qagħda tal-ħaddiem Malti tjiebet mhux ftit.

jikteb u jaqra, għalkemm dawn huma ħwejjeġ meħtieġa, imma ngħallmuh qabel xejn id-drittijiet u d-drittijiet tiegħu bħala ċittadin f'art Nisranija. Id-dmirijiet tal-ħaddiem il-kapitalisti bla qalb jgħallmuhomlu tajjeb ħafna. Imma d-drittijiet tiegħu le, id-drittijiet tiegħu jaħbuhomlu u jnessuhomlu sakemm lanqas biss ikun jista' joħlomhom. Hekk igħidilna l-awtur fl-essay *Il-Malti u l-Maltin*: "Fost il-mezzi biex iżommu l-poplu qiegħed, bħal ħmar mgħobbi u mniggeż, l-aqwa hi l-injoranza. Għalhekk qajla tara l-ħakkiem iħabrek għat-tagħlim tal-maħkum, u jiġri li l-istess maħkum, daqskemm jidra taħt is-saqajn, jikkuntenta jagħmilha ta' qaddej mas-sidien tiegħu".Hsieb li jagħtihulna wkoll Anton Buttiġieġ fl-epigramma allegorika *Il-Kanarin*:

*"Ommu u missieru, r-razza u r-radika*
*għexu fil-jasar wara l-bottafora;*
*u l-lum għall-kanarin li dara l-jasar*
*x'inhija l-libertà ħdejn ftit skalora?"*

Għax poplu njorant ma jagħrafx id-drittijiet tiegħu u l-mezzi biex jinfurzahom. U għalhekk jgħidilna Aquilina fl-essay *Demokrazija u Dittatorjat*: "Poplu mhux edukat hu poplu lsir tad-dlamijiet fejn isiru d-dnubiet u l-inġustizzja". Ħafna kienu l-Maltin li ħadmu sħiħ biex idawlu s-soċjetà; fosthom insemmu 'l Mikiel Anton Vassalli, lil Alfons Maria Galea, lil Agostino Levanzin u fi żmienna wkoll lil Ġuże Aquilina, li dejjem għaraf igħallem u jgħolli l-ħaddiem Malti billi jisħaq fuq il-ħtieġa ta' qari tajjeb f'pajjiżna, li jsaħħaħ il-poplu fil-moħħ u fir-ruħ. Mhux għaġeb mela li f'Alessandru Habela poġġa wkoll l-istess fehmiet u l-istess ħeġġa għat-tagħlim tal-kotra. Alessandru ra l-ħaddiem Malti maħqur taħt is-saltniet barranin li ħakmu fuqu u żammewh lura kemm setgħu, u għalhekk dejjem fittex li jaħdem bid-dieher u, meta kien jeħtieġ, bil-moħbi wkoll, biex irodd lill-poplu d-drittijiet li kienu ħadulu, kif narawh jagħmel l-ewwel kontra l-kavallieri, li kienu ħakmu fuq il-Maltin bla ħniena, u mbagħad kontra l-Franċiżi, li kisru wegħdiethom u riedu joħonqu d-drittijiet tal-poplu, l-iktar dawk reliġjużi. Alessandru nnifsu kien bniedem iħobb il-qari u kien midħla ta' l-idejat imdawlin tal-letteratura ta' żmienu. Il-maturità tiegħu tidher l-iktar fil-fatt li ma waqax ilsir tal-fanatiżmu tal-partiti, li jdallam l-intellett tal-bniedem. Hekk, meta ra li l-Franċiżi ma żammewx kelmithom mal-Maltin, hu li kien ħabrek tant biex jiġu fi gżiritna, dar f'daqqa kontrihom, għax kien immexxi mill-idejal tal-ħaqq u s-sewwa mingħajr uċuħ.

Hsieb ieħor li nsibuh qawwi ħafna kemm fl-essays kif ukoll fir-rumanz t'Aquilina hija l-fidi u l-imħabba għar-reliġjon. L-essays jiffurmaw, biex

ngħid hekk, "manwal" ta' soċjoloġija Nisranija għax l-argumenti kollha, għalkemm maħruġin bis-sengħa artistika tal-kittieb, huma mibnijin fuq issisien tat-tagħlim tal-Papiet. Hafna mis-suġġetti ta' l-essays jittrattaw dwar problemi li jolqtu, direttament jew indirettament, il-fidi Nisranija. Hekk għandna l-essays *Il-Fidi u l-Arti*; *Arti, Hajja u Morali*, *Il-Bibbja, Letteratura u Reliġjon*; *L-Eternità* u ħafna oħrajn li fihom argumenti qawwija favur il-valuri morali, u f'oħrajn bħal *Il-Bniedem Magna* u *Is-Saltna ta' l-Ispirtu* għandna attakk ta' l-awtur kontra l-materjaliżmu tal-ħajja tal-lum. F'*Taħt Tliet Saltniet* ukoll insibu dik l-arja nadifa u spiritwali li togħla 'l fuq mill-materjaliżmu tal-ħajja. Alessandru nnifsu huwa bniedem mixgħul b'fidi qawwija u konvinzjoni fi twemminu, tant li Vassalli stess kien isejjaħlu "iż-żagħżugħ ta' fidi kbira". F'kull ma kien jagħmel kien joqgħod għajnejh miftuħa li ma jkunx immexxi minn dak li sa jgħidu n-nies fuqu, imma minn dak li fil-kuxjenza jħoss li hu tajjeb; u meta jagħarfu kien jagħmel kollox sa ma jwettqu. Il-moralità kbira tiegħu narawha fit-tqanqil ta' ndiema li ħass fih wara li tqatel mal-Franċiżi; hu li tant kien iħobb il-bniedem kellu jħebb għalih u joqtlu. U l-konvinzjoni tiegħu fit-tagħlim utieq tal-Vanġelu hija ċara ħafna fil-fatt li, bħal ma talabna Kristu nnifsu, qassam ħwejġu u ġidu lill-foqra.

L-imħabba lejn dak li hu Malti hija karatteristika oħra mportanti fl-essays ta' *Il-Polz ta' Malta*. U din nistgħu inħarsu lejha minn żewġ aspetti: l-ewwel, l-imħabba għall-ilsien Malti; u t-tieni, l-imħabba lejn gżiritna. Aquilina dejjem igħid li biex nedukaw il-poplu jeħtieġ li nibnu lsien u letteratura nazzjonali. Jeħtieġ li ngħallmu l-Malti, u l-Ingliż għax neħtiġuh, imma l-Malti qabel kollox. U l-kelma Maltija, skond l-awtur, għandna nseħbuha mal-ħsieb Nisrani biex b'hekk noħolqu letteratura sabiħa u f'sikkitha; u jtemm l-essay "*Żewġ Popli, Żewġ Ilsna*" bil-vers qalil: "Hażin għalih min imiss il-Malti". U f'dan it-tħabrik għal ilsienna Aquilina jkun jimxi fuq il-passi ta' l-Imgħallem. Mikiel Anton Vassalli, li f'*Taħt Tliet Saltniet* jippersonifika x-xewqa ta' ħafna żgħażagħ Maltin, ulied id-dawl, li l-Malti jintrafa' minn taħt riġlejn l-ilsna tal-barranin li ħakmuna. Għax bħal dak li jaqta' lsien min joħodha miegħu biex ibikkmu, il-ħakkiem ifittex jisħaq il-lingwa tal-poplu biex isikktu u jaħkmu kif irid hu. U fost iż-żgħażagħ ammiraturi ta' Vassalli, nsibu dejjem minn ta' quddiem lil Alessandru, żagħżugħ mimli ħeġġa għal ilsien il-ħaddiem. Miegħu kien fil-ftehim bil-moħbi, u miegħu wkoll fit-tbatija u l-għawġ li għadda minnu, bħalma jiġrilu kull min jagħmel il-ġid.

L-imħabba għal artna wkoll insibuha f'*Il-Polz ta' Malta*. U fl-essay *Il-Malti u l-Maltin* lil Aquilina nsibuh jilmenta li "l-aħjar nies tal-Gżira jinqatgħu mill-poplu ż-żgħir u jibnu għalihom u għal uliedhom sur li wlied

il-ħaddiema mhux lakemm jixxabbtuh u jaqbżuh". U dan hu l-ikbar għajb li jista' jkollu pajjiż, il-firda bejn in-nies tiegħu stess. U dan il-ħsieb Aquilina jarġa' jħaddmu f'*Taħt Tliet Saltniet*. Lil Alessandru nsibuh jissielet kemm-il darba fuq is-swar kontra l-Franċiżi u jnassas għall-ġid ta' Malta ma' sħabu l-Ġakbini. Imma l-ikbar taqtigħa ta' Alessandru kienet dik li biha ried jeqred il-firda li kienet teżisti bejn il-klassijiet. Għax din kienet id-dudu li kien qiegħed iħerri s-soċjetà Maltija u jagħmilha dgħajfa wisq biex tilqa' l-ħbit tal-barrani. Magħqudin inkunu nistgħu nfarrku l-qajd li l-ħakkiema rabtuna bih. U din il-ġlieda kontra l-firda tal-klassijiet għal Alessandru ma kinetx biss waħda intellettwali. Meta kien jeħtieġlu jagħti prova, Alessandru rema l-inkwatri u ċ-ċurkett ta' l-aristokrazija fin-nar u qassam ir-raba' li kellu lill-bdiewa. Għax Alessandru ma kienx bniedem li jimla moħħu bid-duħħan fieragħ, kif naraw darb'oħra meta rrifjuta l-midalja li Captain Ball ried jagħtih, għax kulma għamel għamlu għal Malta, u kulma ried kien li jara l-Mexxej tal-Maltin meħlus.

Dan kollu juri f'Alessandru kwalitajiet kbar li nistgħu niġbruhom f'erba' kelmiet: Kien raġel miegħu nnifsu. U din l-irġulija hija nota li nsibu l-ħin kollu fl-essays ta' Aquilina, kif ukoll fid-dramm tiegħu *Il-Bniedem li Caħdu*. Għax Aquilina jsostni li għandek tagħmel it-tajjeb dejjem, ukoll meta ma jaqbillekx, ukoll meta s-sewwa jkun ifisser li sa tbati fil-ġisem jew fil-but. Il-professur Hili ma kellu xejn x'jaqla', kellu biss x'jitlef; u tilef. Imma ma naqasx mill-irġulija miegħu nnifsu. Kristu wkoll sata' siket u qatt ma qal dawk il-veritajiet li riegħxu l-kotra faċċola; Kristu miet imsallab, l-aqwa xiehda ta' l-irġulija. Għal Alessandru wkoll kien ikun eħfef kieku baqa' f'dar ommu, igħix fil-kumdità u l-lussu bħall-għonja li kienu jagħsru demm il-fqir. Imma s-sewwa kien band'oħra, u Alessandru ħalla daru u lil ommu li tant kien iħobb biex imur ifittex is-sewwa. U l-kotra kienet issejjaħlu "miġnun" u tidħak bih. Fl-essays ukoll Aquilina jurina kif għandha tkun l-irġulija, u fl-essay *Il-Għaliex il-Kommuniżmu qed Jirbaħ?* jattakka bis-sħiħ lill-kapitalisti li joħduha kontra l-Kommuniżmu għax dawn igħidilna, jagħmlu hekk "mhux għax tgħidilhom il-kuxjenza Nisranija, imma għax hekk iġagħalhom jaħsbu l-but ... Dawn jitqabdu mal-Kommuniżmu, imma mbagħad erħilhom isejħu Kommunista kull liġi soċjali xierqa li, għax tqum il-flus, titlob xi ħaġa minnhom". L-irġulija li neħtieġu fi żmenijietna hija l-istess irġulija li wera Alessandru f'imħabbtu għal Pawlina, quddiem Ball, u wkoll f'dar ommu, ommu li ħaditha kontrih u keċċietu 'l barra, imma li wara għarfet is-sewwa u berkitu.

Mela rajna kif ir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet* jifforma, biex ngħid hekk, suppliment għall-essays tal-professur Aquilina, li fih it-tejoriji huma

mqegħdin fil-prattika, fi sfond storiku veru. U l-problemi li jitħaddet fuqhom il-kittieb mhumiex problemi ta' żmien wieħed, għax għandhom l-egħruq tagħhom fin-natura nnifisha tal-bniedem, li minn qaddisu jħobb it-tajjeb u jinġibed lejn il-ħażin. Għalhekk is-soluzzjonijiet li jagħti Aquilina għall-problemi soċjali ta' żmienna f'dawn iż-żewġ kotba jibqgħu jkunu apprezzati u studjati sakemm jibqa' min irid is-sewwa u l-ħaqq iseħħu.

## MILITI IGNOTO

(B'Tifkira ta' żjara liċ-Ċimiteri ta' Alamejn)

*Min int, Suldat, li hawn tistrieħ f'dil-hemda*
*tax-xagħri sieket, taħt salib tal-għuda;*
*min int, Suldat, li mitt f'din l-art għariba,*
*u ismek mitluf ma' ħajtek, għab mar-ramel*
*tax-xagħri ta' Alamejn jew ta' Tel-Għisa?*
*Istrieħ, Suldat, ġenb das-salib tal-għuda,*
*għassies fidil, b'idejn miftuħa fuqek,*
*ismek minsi fuq l-art, miktub fil-kwiekeb ...*
*Għalhekk jien ħdejk ... minn ħdejk ma mmurx għax ħsiebi*
*imsammar fuq it-trab tal-qabar tiegħek ...*
*Naħseb fi dwejra ħiemda f'wied ħdejn l-Alpi,*
*fejn xwejħa kiebja, b'xall qadim fuq dahrha,*
*qiegħda fuq siġġu tilmaħ bejn il-fjammi*
*żgħar ta' kenun, ta' binha x-xbieha ħelwa:*
*jirtogħ'du f'idha ż-żibeġ tal-kuruna,*
*tgerger xi talb u tisma' bieb iħabbat*
*... mir-riħ ... mhux binha ... bħalma toħlom dejjem ...*
*Suldat, li hawn midfun 'il bogħ'd minn niesek,*
*ommok ma tafx fejn int, ma tafx li jiena*
*hawn ħdejk minn flokha npoġġi fjura ċkejkna*
*ħdejn is-salib, għassies fidil ta qabrek ...*
*Orqod, Suldat, istrieħ, il-bwieq tal-gwerra*
*siktu għalik ... sa tisma' l-bwieq ta' l-Anġli*
*iqajmu lill-mejtin għall-Ħajja Eterna ...*

11.xi.1966 Fr. JOSEPH CREMONA O.F.M.

# "FIT-TIJATRU" IL-PALK TA' AQUILINA

Ta' BRO. JAMES BONELLO S.S.P.

FOST il-ħafna xogħol stampat tal-Prof. Ġ. Aquilina li għandu x'jaqsam mal-letteratura Maltija, nsibu li fil-fergħa drammatika huwa tagħna kontribuzjoni siewja wkoll. Huwa kiteb drammi twal ta' tliet atti, bħal *Il-Bniedem li Ċaħdu* u *Arbli fuq il-Bjut* u tnejn oħra kif ukoll drammi uniċi li huma miġbura fi ktieb wieħed li jġib l-isem *Fit-Tijatru*. U huwa sewwa sew fuq dawn id-drammi ta' att wieħed li jien irrid nikteb xi ħaġa.

Minn kif naraw mis-sitt drammi li nsibu *Fit-Tijatru* jidher ċar li d-dramm ta' att wieħed huwa dejjem limitat. L-ewwel nett insibu rażna fl-ideja. Hija ħaġa tista' tgħid ta' bil-fors, li l-awtur ikollu jħalli barra ħafna punti mqanqlin f'ħin jew ieħor tad-dramm, jew inkella jkollu jikkuntenta ruħu billi jsemmihom biss, ukoll jekk setgħu joffru waqtiet drammatiċi mill-aktar ħajja. Imbagħad għandna l-limitazzjoni fix-xena li trid tibqa' dejjem l-istess u għalhekk insibu wkoll l-limiti taż-żmien. Minn hawn naraw li d-dramm ta' att wieħed irid joqgħod biss fuq ideja prinċipali u ħafna drabi ma jistax joffrilna żvilupp ta' karattru kif naraw fi drammi itwal, iżda, biex ngħidu hekk, iqegħdilna quddiemna siegħa minn ħajja ta' bniedem jew bnedmin. Il-karattri li niltaqgħu magħhom *Fit-Tijatru* huma sewwa sew minħabba f'dan li huma iktar tipi ta' nies milli individwi, kemm jekk insemmu l-avukat Caruana jew is-Sur Martin, kif ukoll jekk nieħdu lil Spiru t-tallab jew Ġorġ l-istudent tal-mediċina.

Is-suġġetti li jikteb fuqhom l-awtur f'dawn is-sitt drammi jinqasmu fi tlieta. Ta' l-ewwel f'dawk intelletwali li huma *Adam u Eva* fejn l-awtur jistudja l-bidla fl-idejat li tgħaddi fl-istess bniedem matul il-ħajja tiegħu, u *L-Eżami tal-Anatomija*. Hemmhekk naraw quddiemna l-qagħda ta' bniedem li hu msejjaħ għall-arti fil-waqt li ċ-ċirkustanzi jġagħluh jistudja l-mediċina. Fi *Żewġ Miżżewġin* u *L-Għira* għandna żewġ drammi li jitkellmu fuq il-problema tal-familja, fil-waqt li l-aħħar tnejn *Il-Fortuna tal-Bakkaljaw* u *L-Inkwiet tas-Sur Martin* huma drammi soċjali b'element farsesk qawwi. Ħaġa waħda li tolqtok mill-ewwel f'dawn id-drammi hija li għalkemm is-suġġett tad-dramm ħafna drabi jkun serju madanakollu d-djalogu huwa minsuġ b'ħafna ħjut ta' umoriżmu li daqqa huma ta' lewn igħajjat u oħra inqas jagħti fil-għajn, imma l-umoriżmu dejjem għaddej, dejjem qiegħed hemm. Fi *L-Inkwiet tas-Sur Martin* l-umoriżmu huwa fl-aqwa

tiegħu, għax is-suġġett tad-dramm joqgħod iktar għalhekk, iżda wkoll fi *L-Eżami tal-Anatomija* fejn hemm iktar tensjoni drammatika, dan l-umoriżmu ma jonqosx.

Id-drammi ta' *Fit-Tijatru* nisthajjilhom bħal kwadri kbar ta' pittura li juruna ħafna xeni familjari mill-ħajja Maltija ta' llum u ta' ftit żmien ilu. L-ambjent ta' kull dramm huwa rejalistiku kemm fix-xena kif ukoll fid-djalogu. Naraw *sitting room* ta' l-avukat Caruana, "l-aħjar kamra tas-Sur Martin", il-qorti, kamra ta' l-istudju ta' Ġorġ, kamra fqira ta' Toninu u l-bitħa ta' Adam ix-xiħ. Il-karattri wkoll ma humiex xi nies tad-dinja l-oħra, iżda tad-demm u l-laħam bħalna, u ħafna mill-ħsibijiet li jfissru nistgħu ngħidu li jgħaddu ta' sikwit minn moħħna, forsi mhux taħt l-istess għamla u bl-istess mod drammatiku, iżda xorta waħda aħna nkunu li ħassejniehom. Id-djalogu tad-drammi, tneħħi d-diskorsi ta' Ġorġ Farina, huma mexxejja, ħajja, u naturali kemm tridhom, mimlija ħafna drabi b'dak it-tingiż irqiq li joqros issa lin-nies tal-Kummerċ li ma jafux x'jiġifieri onestà, issa lin-nies tal-professjoni li ma jgħixux il-professjoni tagħhom tajjeb. Insomma kull fejn jidher fis-soċjetà Maltija li wieħed għandu bżonn ta' taptipa, nistgħu ngħidu li jaqlagħha. Forsi l-aktar li tagħti fastidju lill-awtur hija l-qagħda tas-seftura fis-soċjetà għax sikwit nisimgħuh itektek fuq dan il-punt. Mid-djalogu wkoll tinduna bl-influwenza tal-ħajja kontemporanja fuq l-awtur, Hekk nisimgħu fost ħwejjeġ oħra bid-dħul tal-*Mother's Day* f'Malta; il-*Labour Office*; il-*black market* ta' wara l-gwerra, u l-kwistjoni tal-lingwa li qajmet daqshekk inkwiet f'Malta ftit tas-snin ilu. Iżda forsi l-iktar ħaġa importanti li għaliha l-awtur deher li qagħad attent ħafna hija li kull karattru jitħaddet il-lingwa li toqgħodlu L-Imħallef u l-avukat jitkellmu bil-lingwa tal-qorti; Ġorġ u Fredu, l-istudenti tal-Università, jitkellmu l-lingwa tagħhom; in-negozjant juża ħafna kliem tal-kummerċ; fil-waqt li s-seftura, Teresa u Marija, jitkellmu b'lingwa iktar popolari. It-tallab ix-xiħ, Amalja u Anjeże jużaw djalogu iktar sempliċi u li joqogħdilhom.

Għal dik li hija teknika l-awtur jidher li għamel użu sewwa mill-armar modern tal-palk. Fi tlieta mis-sitt drammi jdaħħal il-ħolm. Il-logħob tad-dwal igħin biex wieħed jista' jirnexxilu jġib din id-dinja tal-fantasija fir-rejaltà. L-awtur juża l-ħolm jew biex jeħodna lura fil-ħajja tal-bniedem bħalma jiġri f'*Adam u Eva* u *Żewġ Miżżewġin* jew inkella biex iġibilna quddiemna l-fantasija tal-bniedem, din il-fantasija li dejjem sejra taħdem mingħajr hedu ta' xejn kif naraw fi *L-Eżami tal-Anatomija.* Mill-ħolm, li jifforma ruħu minn dak il-fenomenu msejjaħ *Sub-conscious mind* l-awtur bħal donnu jislet is-soluzzjoni għall-problema li jkun qajjem fid-dramm. Iżda naħseb li dik il-parti tat-teknika li niltaqgħu magħha f'kull wieħed

mid-drammi huwa l-mod li bih l-awtur joħroġ in-nisġa tad-dramm mibnija fuq il-kuntrast tal-karattri. Hekk naraw li f'*Adam u Eva* il-kuntrast qiegħed mhux bejn persuna u oħra iżda bejn l-istess bniedem f'etajiet differenti. F'*Il-Fortuna tal-Bakkaljaw* il-kuntrast qiegħed bejn Spiru t-tallab u Tonina w uliedha. Dawn ilkoll fqar, iżda Spiru kuntent u kwiet bil-ħajja li qed igħix u l-oħrajn, bil-maqlub tiegħu, dejjem moħħhom iħabbat sitta sitta jhewdnu fuq il-flus li m'għandhomx. Jekk inkomplu nistudjaw id-drammi l-oħra wieħed wara l-ieħor naraw li kollha huma mibnija fuq dan il-kuntrast. L-awtur jidher li ħoloq formula li fuqha sejjes id-drammi tiegħu kollha, iżda b'effett differenti kull darba għax użat fuq problemi u karattri li ma jaqblu xejn bejniethom, u għalhekk l-ebda wieħed ma jtellef lil ieħor.

## BERNADETTA DDOQQ IL-PJANU

*Ma jitkellmux il-fjuri*
*Imma fil-qalb joħolqu l-armonija.*

*Ma titkellimx għalissa*
*Dil-warda — Bernadetta —*
*Imma tqanqal fil-qalb daqq ta' sbuħija;*

*Xi ħlewwa għasslitli f'qalbi l-lum fis-siegħa*
*Li rajtha,*
*Li smajtha,*
*B'libsitha bajda kollha ward irqiq,*
*Issul, b'id waħda*
*Mistrieħa mal-banketta,*
*U bl-oħra fuq il-pjanu tfaqqa' sfiq,*
*U bit-tbissim iddawwar lejja lura*
*Ir-rwejsa sbejħa xmejxa, bewsa, fjura,*
*Sabiex — ta' daqqha ħlejju*
*Għaliha,*
*Għalija —*
*Ferħha mkabbar turini*
*U fl-istess ħin, taf jew ma tafx, tagħtini.*

7.xi.64

MANUEL CASSAR

## NGĦANNILEK, BINTI.

(Il-lejla u drabi oħra).

*Il-LEJLA bdejt ngħannilek. Ilha l-mamma*
*f'nuqqas versija għalik tfakkarni b'dehwa*
*ta' talb mill-qalb. Poeta ieħor għannielek,*
*'mma le l-papa', le lilek li jistħoqqlok*
*fuq li jistħoqqlok, xemx ta' bint irżina.*

*Il-lejla qed ngħannilek. Le ma nwaħħal*
*fl-għeja tax-xogħol u fin-nuqqas ta' siegħa*
*kwieta u mi ġbura. L-lejla ninsa kollox*
*u fik niftakar biss, fik li jum tingħi*
*għaddejt mindu dal-għodu ħadt titqiba*
*kontra l-mard kiefer li ma tafx bi ħjielu*
*f'did-dinja fejn tinsab, tarbija safja.*

*U xħin intemm ngħannilek ni ġi ħada*
*il-marqad ċkejken tiegħek u nittawwal*
*lilek fir-raqda li f'dal-ħin serrħitek,*
*u waqt li nħares lejk inġibek b'moħħi*
*mill-ġdid f'dirgħajja li għafastek bihom*
*il-lum ma' sidri bi tqanqil mill-akbar*
*ta' mħabba w ħniena ta' papa'. F'dirgħajja*
*ukoll għaraxtek biex imbissmek w għedtlek*
*fawra ta' kliem li jfaħħrek, bħallikieku*
*ħsibt li tifhimni w, bħala tfajla, ngħo ġbok*
*u, fl-għo ġba tiegħek, indarrilek.*

*F'wiċċek*
*lewn ħawħ il-bitħa li dil-ħabta taħtu*
*tqiegħdek il-mamma ħelwa bħalu w bħalek*
*dal-waqt inbusek ni ġi, Bernadetta,*
*u, Bernadetta, xħin ħafif inbusek*
*tbissimli waħda, trid?, tbissimli l-għaxwa*
*li taf tagħtini w ibqa' rieqda sħuna*
*fit-telqa tas-serħan w ofrogħ fil-ħemda.*

4.iii.64

MANUEL CASSAR

## BERNADETTA TONFOH FLAWT

*Bernadetta ċ-ċkejkuna*
*Qagħdet bil-qiegħda fl-art bi flawt tal-plastic*
*U bħal Indjana bdiet iddoqq weħedha*
*U sabbret*
*Mbux serp bla ħlewwa, iżda l-Gost li ħarken*
*Jara, jisma' w jitgħaxxaq.*

5.xi.64 — MANUEL CASSAR

## INDIEMA

*Ma nafx għaliex*
*jekk tas-serduq jien nisma',*
*fid-dlam tal-lejl,*
*fil-ħemda,*
*il-leħen kiebi,*
*tiswied din qalbi*
*u naħseb*
*fil-Ħaqq, fit-tmiem ta' jiemi . . .*

*Mulej, bħal siġra,*
*f'dal wied tad-dmugħ*
*ħawwaltni*
*sabiex frott tajjeb*
*nagħti tul ħajti . . .*
*Għaddew il-ġranet . . .*
*tat frott sabiħ*
*din ruħi? . . .*
*Nibża', nirtogħ'd, Mulej,*
*għax Ħakem int tas-Sewwa . . .*

*Dal-leħen tas-serduq,*
*dal-leħen kiebi*
*jinfed lil qalbi*
*u naħseb*
*fid-dnub ta' Pietru,*
*naħseb f'ħtijieti . . .*
*Dal-leħen li bil-lejl*
*jinfed lid-dalma,*
*jinfed lil ruħi*
*u nibki . . .*

*Ħniena, Mulej, . . . Maħtur*
*kont jien mit-tjieba tiegħek*
*rażul, qassis ta' Mħabbtek,*
*xbieħa ta' Kristu,*
*noffri l-Quddies, inbierek,*
*naħfer dnubiet il-ħati,*
*fl-imħabba l-qlub*
*inżewweġ,*
*l-erwieħ fit-tmiem tal-ħajja*
*inwassal*
*ġo Ħdanek . . .*
*Imxejt, Mulej, tul ħajti*
*fl-imħabba, t-tjieba, d-dmir?*
*Mulej Ħanin,*
*Int maħfra ta' dnubieti . . .*

*Infed, serduq,*
*Infed lil ruħi,*
*b'leħnek ħekk kiebi,*
*bħal Pietru,*
*nibża', nirtogħ'd*
*u nibki . . .*

Ramle – Israel, 1964 — P. ĠUŻÈ CREMONA O.F.M.

## BANDIERI MALTIN

*Perpru, Bandieri,*
*mar-rjieħ*
*tal-baħar tagħna,*
*fuq is-swar, fuq ix-xwieni*
*ta' Malta*
*Sultana,*
*il-ġieh*
*tal-Kavalieri*
*għoli ħaristu,*
*lwienkom id-demm wil-ġilju,*
*għelm is-suldat qalbieni . . .*

*Perpru, Bandieri sbieħ,*
*intom ta' Kristu*
*Haj u Rebbieħ*
*ġibtu s-Salib*
*fuq l-ibħra*
*wix-xtut*
*tal-kiefra*
*Ibirbra . . .*

*Perpru qawwija*
*fis-sema*
*kaħlani,*
*jibża' minn lwienkom*
*l-għadu barrani . . .*

*Perpru, Bandieri,*
*f'wied il-mejtin*
*li mietu*
*ferħana*
*ta' qalbkom*
*ibusu*
*l-ilwien . . .*

*Perpru ġo qlubna*
*Bandieri*
*Maltin,*
*ingħixu jew immutu*
*taħt dellkom*
*flimkien . . .*

Ramle – Israel

P. ĠUŻÈ CREMONA O.F.M.

## MHIX INDIEMA !

*Inħoss u nara t-tajjeb*
*'Ma nagħmel il-ħażin.*
*Għax m'għadx baqagħli saħħa*
*Nissielet fit-tiġrib.*
*Ma' kull l-ewwel buffura*
*Fit-tajn naqa' nitmiegħek.*
*Inħoss jien biss indiema*
*U xewqa għall-ħajja tajba*
*Wara' li nkun imġarraf.*
*Jien hekk imsejken midneb*
*Elf ħabta nagħti l-kelma*
*Li aktar ma nerġax;*
*U ruħi wisq titnikket*
*U tfittex is-serħan.*
*Niedma tistmerr għemilha*
*U tgħir għall-ħajja hienja*
*Meta kienet bla ħtija.*
*'Ma l-wegħdiet tiegħi fiergħa*
*Għax niġri wara d-dnub.*

*Nibża' li nħoss indiema,*
*Mhux għax inħobb lil Alla*
*Biżżejjed għax jistħoqqlu,*
*Jew għax nistmerr id-dnub,*
*Imma għax ruħi mbeżżgħa,*
*Ma tridx toqgħod imniġġsa*
*Għax tibża' mill-kastig*
*Li jista' jiġi fuqha*
*Bla maħsub u għal għarrieda.*

J.J. CAMILLERI

## "DIN HI T-TREJQA TIEGHEK"

*Nisma' bħal leħen jidwi ġewwa fija*
*Li ma jaf b'xejn, la serħ, la tmiem, la waqfa,*
*Li jimxi wrajja jgħix u jikber miegħi,*
*Mistrieħ ma jħallilix, jissokta jsuqni,*
*Lejn il-ġejjieni tiegħi, qalil tassew,*
*Imma ħanin dal-leħen moħbi minni.*
*"Din hija t-triq", bu jgħid, "jaħtieġ timxiha"*
*"It-triq tal-kitba, triq il-poeżija."*
*Jiena ma nafx, 'ma nħoss li għandi nikteb,*
*Ġrajjiet insawwar, ferħanin u mnikkta,*
*"Din hija triqtek", hekk sejjer dak il-leħen,*
*Li jimxi wrajja, donnu xi dell tiegħi,*
*Bla sabar, bla mistrieħ lili jħallini,*
*B'leħen imqit li fih tinsab l-imħabba,*
*Jamarli hekk "Ġovann, lid-dinja ħalli,*
*U imxi miegħi fl-art tal-ħniena, l-ħlewwa.*
*Din hija t-trejqa; jien nurik fejn timxi*
*U jiena nimxi wrajh, triqti ġà bdejtha;*
*Jien lilha ntemmha, meta r-rieq tal-ħajja*
*Jintefa minni w jiena nsir ftit trab!*

Ġov. L. Bonnici

## IL-JUM TAT-TIEĠ

*Dalgħodu sebħet xemx bajdana ssaħħrek,*
*U int ġa bdejt tofroq triqtek imwarrda,*
*Il-jum sabiħ bi ġmielu qed ifaħħrek,*
*U miegħek liż-żagħżugħ imżejjen b'warda*
*Fil-pavru, b'libsa sewda, b'ċoff bajdani,*
*Li qabad triqtu lejn il-knisja mtarrġa*
*Qed jistenniek b'wiċċu ferħan, daħkani,*
*Li tagħmel minn dar ommok l-aħħar ħarġa.*
*U inti ħriġt, u f'idek bukkett ward*
*Bajdani kellek, bħall-ilbies twil ta' fuqek,*
*U li trid lilu quddiem xhud xandart,*
*Fejn hu tul ħajtek miegħu ser isuqek.*
*Issa għandek lilu, m'intix aktar t'ommok,*
*F'kull għawġ li jiġi, għandek lilu jżommok.*

Ġov. L. Bonnici

## HDEJN IĊ-ĊIMITERJU TA' L-ADDOLORATA F'NOVEMBRU

*Fis-sema l-qamar tala' mingħajr dija*
*W inħeba ġo sħabiet mill-lewn l-irmied;*
*U ſost il-leħħ tal-beraq geġwiġija,*
*Jidwi r-ragħad ikarwat ġewwa l-wied.*

*Jinstama' leħen kiebi kollu mriegħed*
*Jaqsam id-dalma, jiġri kullimkien;*
*Tistħajlu ta' xi ruħ bla wens titniehed,*
*Tfittex, tgħarrex ħerqana bla waqfien.*

*Jibki ċ-ċipress fuq l-oqbra llum minsija,*
*Jibki fis-skiet fuq il-ħerba taż-żmien,*
*Għax qatt jiftakar ħena, jiem xemxija*
*F' dal-wied id-dmugħ igelben mingħajr tmiem.*

*Hawn hekk sultana l-mewt bil-minġel f'idha,*
*Qatt ma tintrebaħ, l-ebda bniedem ridha.*

T. Cini

## IT-'TITANIC'

*Hadmu l-azzar fil-forġa, fuq l-inkwina,*
*Qawwi għamlub, ix-xempju tal-kburija,*
*Bħalu qatt raw l-għajnejn tal-bniedem żina,*
*U bih għoxew u tawh bosta ſoħrija.*

*W insew lil min ħalaqhom, l-Id ħanina,*
*U ſaqqgħet dagħwa ħarxa wisq ſaħxija;*
*Alla għalihom għadab — ried jirvina,*
*U firex dell Idejh b' setgħa mogħnija.*

*Għalhekk amar liċ-ċpar f'liżar ikeffnu*
*U lis-silġ bagħat sabiex jaqsmu f'elf biċċa,*
*U bħal xi ġugarell il-baħar żeffnu:*

*U d-dlamijiet tal-Qilla nġabru miegħu;*
*Il-baħar difnu — fil-qiegħ tmermer, spiċċa;*
*Alla ried juri l-qawwa, il-kobor tiegħu.*

Tarcisio Cini

## IX-XORTI TIEGHI

*Xortija dejjem għakksitni bla ħniena,*
*ħebritli d-dwejjaq,*
*il-għali,*
*it-tiġrib;*
*il-morr ta' difrejha dewqitni,*
*qatt ma xtaqitli risqha,*
*qatt ma xarrbitli,*
*ksietni b'bewset il-ħena,*
*imma għajritni,*
*ħabbtitni,*
*ġarrbitni,*
*qerditni,*
*ma' qiegħ l-art sabbtitni,*
*fil-ġenb warrbitni,*
*fatmitni mill-ġmiel ħluqi,*
*bisitni bil-qrusa tan-niket,*
*inkietni,*
*ħallietni nitbekka ma' uġigħ qalbi*
*u ħlief krib milfuq,*
*tnehid marradi,*
*tqassit ta' saħta*
*ma ħarġux minn fommi biex immaqdarha;*
*għax xejn,*
*xejn ma tistħoq minn għandi*
*xejn iżjed*
*ħlief żeblieħ,*
*tkasbir,*
*mibegħda,*
*dan biss jgħodd għaliha,*
*għaliex wiċċ mixgħul lanqas darba ma wrietni,*
*serħan il-widna qatt ma semmgħatni;*
*flok il-ferħ sawbitli l-biki,*
*it-tbatija,*
*il-jasar ta' ġismi,*
*il-qerq*
*fit-tħabrik ta' ħidmieti.*

*Għalbekk għajb għandi merfugħ għaliha*
*u xejn isbaħ għajr saħta.*

*Min daħkitlu x-xorti,*
*min għanietu bil-ħnienaq taż-żina,*
*imma mhux lili,*
*lili regħxitni,*
*bla refgħatni*
*jew fawritni fil-għoli ta' smewwieti,*
*telqitni*
*bla ħallietli merżuq imdawwal;*
*lili tbismitli fil-ħarsa biċ-ċiera.*

Rabat: 20.I.1966 PAWLU CACHIA

## INT MIN INT?

*Quddiemi dwal*
*Imkemmxa mal-medda ta' tulhom,*
*Oħrajn*
*Iħarsu ċassi*
*Biċ-ċiera jħarsu lejja!*
*—Mixegħla mġenna*
*Mill-bluha tal-materja.—*

*U l-bjuda mżellġa mal-firxa ħamrana,*
*Maħżuża fuq fetħa sewdiena,*
*Ilwien imdella,*
*Mejtin,*
*Moħlija,*
*Quddiemi jiżżeffnu ħajjin...*
*U jfakkruni—jfakkruni*
*Fil-karba tat-tektika*

*Taż-żmien—*
*Għaddej, għaddej*
*Ma jaqta' xej'*
*Bil-bixra mlewna tiegħu;*
*Mexxejja, mgħannqa miegħu,*
*Il-Mistoqsija*
*Li ma tweġbitx!*

*U jien*
*Ma nafx min jien!*
*Hekk kont,*
*U bqajt,*
*U nibqa'*
*Sakemm il-Jien hu mxekkel*
*Minn ġisem il-bnedmin!*

ALBERT MARSHALL

# DUN KARM BHALA PROŻATUR

Ta' G. PORTELLI

DUN Karm, il-poeta, huwa magħruf biżżejjed; imma Dun Karm ma kienx poeta biss. Kien saċerdot, surmast, lessikografu u kien ukoll prożatur.

Fl-1925 l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ħarġet l-ewwel għadd ta' qari tagħha, *Il-Malti.* Fih kitbu l-aħjar nies tal-Malti, u Dun Karm kien minn ta' l-ewwel. Dritt wara l-ewwel editorjal ta' Ġuże Muscat Azzopardi, insibu 'l Dun Karm mhux b'xi poeżija bħal ma wieħed kien jistenna, imma b'biċċa proża msejħa *Is-Sengħa tal-Kitba.* Din kienet l-ewwel minn sensiela ta' kitbiet fuq l-istess suġġett *f'Il-Malti* sa Diċembru 1927. F'Awwissu ta' l-istess sena miet Ġuże Muscat Azzopardi, l-ewwel president tal-Għaqda u editur ta' *Il-Malti.* Floku daħal Dun Karm u baqa' sa l-1940. Għalhekk fi *Il-Malti*, barra xi poeżija li dejjem kienet iżżejjen il-ħarġa tal-Għaqda, konna nsibu l-editorjal li bħal poeżija huwa mera ċara ta' dak li kien jaħseb u jħoss Dun Karm. Fl-1934 Dun Karm qaleb għall-Malti mit-Taljan *Inez u Emilja*, rumanz ta' D. Caprile. Minn żmien għal żmien Dun Karm kien idaħħal ukoll *f'Il-Malti* xi artiklu barra l-editorjal. Hekk per eżempju fil-ħarġa ta' Ġunju 1933 tana wieħed fuq dizzjunarju tas-Sinonmi Maltin li hu kien wera l-ħtieġa tiegħu fl-editorjal tal-ħarġa ta' qabel. F'Settembru tal-'35 insibu: "Taħdita żgħira fuq is-Sunett".

Dan ix-xogħol Dun Karm kitbu kollu bħala kitba letterarja, u bħal ma kien jagħmel fil-poeżija, ma kienx iħalli biċċa xogħol toħroġ minn taħt idejh jekk ma jkunx reġa' qraha, flieha sewwa u forsi ikkoreġieha bosta drabi. Dun Karm kien jagħmel divrenzja kbira bejn dak li jikteb bħala kitba letterarja u dak li jservi biss biex jinqeda bih hu. Hekk, per eżempju, skond Ġużè Cardona, l-ewwel bijografu ta' Dun Karm, ma nistgħux indaħħlu bħala proża letterarja ta' Dun Karm l-ittri personali li kiteb bħal ma sar fil-każ ta' Cicerun jew ta' Elizabeth Barrett Browning. Is-96 ittra ta' Dun Karm li Carmena Micallef Buhagiar qed iżżomm b'għożża kbira fihom siwi kbir għat-tagħrif li jagħtu fuq Dun Karm, imma ftit li xejn għall-preġju letterarju. Taħt din il-kategorija taqa' wkoll il-kitba waħdanija li qatt dehret fuq isem Dun Karm *f'Leħen il-Malti.* Fil-ħarġa ta' Lulju-Settembru 1947 Dun Karm jirrakkonta kif sar l-*Innu Malti*; imma għalkemm, bħall-ittri, dil-kitba tagħti ħjiel ta' siwi storiku, l-impressjoni li jieħu l-qarrej hija li xi student żgħażugħ mar sab lil Dun Karm, li dak inhar kien dieħel fis-77 sena, għamillu intervista u niżżel dak li ħareġ minn fomm ix-xwejjaħ.

*Inez u Emilja* hu l-itwal biċċa xogħol ta' proża ta' Dun Karm. Dan hu traduzzjoni ta' rakkont Taljan – storja ħafifa ta' żewġ tfajliet li jiltaqgħu f'kulleġġ, jinħabbu bejniethom bħall-aħwa u bit-tjubija tagħhom jirbħu t-tiġrib kollu tal-ħajja; fl-aħħar irattbu l-qalb u jreġġgħu għall-paċi żewġ qraba li kienu ħalfu li jivvendikaw ruħhom minn xulxin. L-istil tal-Malti f'*Inez u Emilja* hu mexxej ħafna. Naraw kemm toħroġ naturali mill-pinna ta' Dun Karm din il-biċċa:

"Ix-xwejħa ħabiba tas-sinjura Ġannina ma kellhiex ħsieb ieħor fid-dinja għajr li żżomm ruħha qawwija u sħiħa; u, biex iżżomm f'saħħitha kienet toqgħod nofs is-sena fis-sodda u n-nofs l-ieħor tas-sena ma' ġenb is-sodda tixrob u tibla' issa duwa issa oħra skond ma kienet tidhrilha l-aħjar biex tbiegħed minnha l-ħafna mard li kien jista' jirkibha. Biex ngħidu kollox fil-qasir, din l-imbierka ta' Sinjura Ewlalja kienet tħobb iġġarrab il-għawġ id-dwejjaq u t-tfixkil kollu ta' marda bla tmiem biex iżżomm ruħha dejjem f'saħħitha". (p. 46)

Jidher ukoll li Dun Karm qagħad attent li juża l-kelma safja Maltija sa kemm dan ma jgħarraqx il-ħlewwa tar-rakkont jew inaqqas il-qawwa tal-messaġġ tal-kittieb.

Dun Karm iddedika dan il-ktieb "lix-xbejbiet Maltin biex mill-imġieba ta' Inez u Emilja, żewġ anġli ta' tjieba, jitgħallmu l-imħabba safja, il-kelma għaqlija, is-sedqa wis-sliem fi djarhom". Għalhekk għal Dun Karm l-aktar ta' siwi kien il-messaġġ tal-ġrajja. Iżda billi Dun Karm ħaddem tajjeb ilsien pajjiżna, il-ktieb jiswa ħafna wkoll biex iħarreġ iż-żgħażagħ fil-kitba Maltija.

Min jaqleb kitbet ħaddieħor ma jistax juri l-idejat oriġinali tiegħu, lanqas immaġinazzjoni u sensibbiltà. Jista' juri biss jekk għandux is-sengħa tal-kitba, jekk jafx iħaddem ir-regoli ta' dak l-ilsien fi proża li tfisser l-istess ħsebijiet ta' l-awtur u fl-istess ħin togħġob il-widna a tagħti gost lil min jaqra b'ilsien ieħor daqs lil min jaqra l-oriġinal. Kull min qara *Inez u Emilja* jaqbel li l-Malti ta' Dun Karm ma għamilx għajb lill-oriġinal ta' Caprile. Nieħdu xi ħjiel tal-qawwiet tal-Malti ta' Dun Karm minn din id-deskrizzjoni:

"Bosta drabi, fil-għaxija meta ningabar f'kamarti u kollox jiskot ma' dwari u ma jasalx f'widnejja ħlief id-daqq ta' l-arloġġi fil-bogħod, donnu jiġi x'ikaxkarli ħsiebi lejn l-imgħoddi u nistħajjel nisma' darb'oħra l-ħamba tan-nies li kienu qamu xewwexija, id-damdim tat-tnabar li jsejħu għat-taqbida, il-ġiri taż-żwiemel u l-ħsejjes maħnuqa tal-karrijiet imgħobbija bil-kanuni, l-ordnijiet maħtufa tal-fizzjali, imbagħad għajjat iżjed qawwi, twerżiq, ċekċik ta' xkubetti ... u f'daqqa waħda sikta bħal ta' qabar". (p. 17)

Min jifli bil-lenti l-proża ta' *Inez u Emilja* jsib xi żball ta' l-ortografija, xi kelma ma tantx użata, imma r-rakkont ta' D. Caprile miġjub fil-Malti baqa', kif kiteb Dun Karm fid-daħla, "igħaxxaq, ibikki u jgħallem".

Niġu issa għal dak li kiteb Dun Karm fil-folju *Il-Malti*. Hawn wieħed jista' jagħti ġudizzju iktar bil-ħaqq fuq il-proża ta' Dun Karm. Hawn Dun Karm kellu l-libertà kollha, ma kienx marbut mal-ħsieb ta' ħaddieħor bħal f'*Inez u Emilja*; il-ħsieb, il-forma, t-tixbih u s-sengħa tal-kitba kienu kollha tiegħu. U bħala editur ta' *Il-Malti* ma kellu 'l ħadd li jqassarlu u jmisslu kitbietu.

F'Dun Karm il-prożatur ta' *Il-Malti* nara tliet aspetti: l-ewwel Dun Karm il-President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li jiġġieled għad-drittijiet ta' lsien art twelidu; it-tieni Dun Karm, is-surmast li jgħallem lil ħutu Maltin jgħożżu u jkattru l-letteratura Maltija; it-tielet Dun Karm il-poeta li kultant donnu tant ikun iħoss dak li jkun jikteb li jidhirlu li dak il-ħsieb jixraqlu jitla' għall-livell ta' poeżija. F'kull kitba ta' proża ta' Dun Karm għandek tara t-tliet aspetti, imma mhux kollha jidhru ċari f'daqqa. Hafna drabi jibda proża qisu qed ikellmek, jispjega u jargumenta u fl-aħħar ikun irid jiġbor dak li jkun kiteb u jagħti d-daqqa ta' martell tal-aħħar b'żewġ sentenzi li jixirqu lill-aħħar żewġ versi ta' sunett Shakesperjan.

L-ewwel aspett jidher ċar ħafna f'editorjali bħal meta f'Marzu 1930 l-editur jiddefendi l-poeżija Maltija fl-iskejjel u jfiehem li hija aħjar minn kull waħda oħra u jitlob li tidħol iżjed fis-sistema tat-tagħlim. "Il-Poeżija" kiteb Dun Karm "hija l-isbaħ waħda fost l-arti jew snajja' tal-ġmiel"; u jkompli b'doża poetika "Il-poeżija tirbaħ bil-ġmiel, trabbi bil-ħlewwa". F'Settembru, bil-ħlewwa u s-sempliċità tas-soltu, jiddefendi u jgħallem:

"Habib, qatt ħarist bir-reqqa biex tara jekk dak id-*w* dak il-*g* dik iċ-*ċ* bit-tikka humiex tassew itqal mill-ittri l-oħra li tista' tqiegħed flokhom? Qatt ħsibt u għarrixt b'qalbek f'idejk jekk iż-żmien li wieħed iqiegħed fit-tagħlim tal-lsien ta' pajjiżu hux tassew żmien mitluf?"

S'issa proża pura, imma meta toħroġ l-argument jerġa' jinnamra kemm kemm mill-element poetiku:

"Naħseb li le għaliex kieku inti għaraft xi ftit il-lsien li bih titkellem fit-tifsir u fil-bini tal-kliem fin-nisġa tal-għidud, fil-qawwa u fil-ħlewwa li għandu fir-radd tal-ħsieb u tal-qalb, qatt ma kont tgħajjar hekk iebes il-lsien li rdajt ma' ħalib ommok".

Il-ħsieb u r-ritmu tal-frażi jġibulek quddiem għajnejk il-poeżija tiegħu *Għaliex!* jew *Il-Kelma Maltija* ta' Cuschieri.

Insibu wkoll żewġ editorjali wara xulxin: *Inħobbu l-Ilsien Malti*. Ta' l-ewwel iddedikah lil dawk li diġa' jħobbuh u tahom lezzjoni ta' surmast

tajjeb li kien kif għandhom iħaddmuh, isaffuh, jagħnuh u jorqmuh. Hu jispjega kif isir dan u jasal biex juża l-ittri *a*, *b*, *c*, *d* biex jagħżel il-punti tiegħu. Hawn il-kittieb aktarx naqqas il-preġju letterarju biex ifiehem aħjar. L-editorjal ta' wara ddedikah "lil dawk li ma jħobbuhx" u reġa' deher l-aspett tad-difensur tal-Malti. Jidher ukoll ċar f'Marzu tal-'35 meta kiteb:

"Santu Wistin Gans kien jaf il-Puniku li flimkien mal-Latin kien il-lsien ta' tfulitu; u kliem Puniku jinsab 'l hawn u 'l hinn imxerred fil-kitba tiegħu. U darba li xi ħadd qabad jiddieħek b'xi kliem u xi għidud tal-pajżani tiegħu, hu qam fuq qaddu jiddefendi l-ilsien ta' missirijietu u qal illi "Wieħed Afrikan li jitkellem ma' Afrikani ma għandux jistħi mill-ilsien tiegħu bħal ma m'għandux jistħi mill-art li fiha twieled".

L-aspett didattiku ta' Dun Karm jidher ċar fil-biċċa l-kbira ta' l-editorjali u fl-artikli kollha. L-isem tagħhom juri biżżejjed x'kien il-ħsieb ta' l-awtur: *Niktbu bir-Reqqa*, *Dizzjunarju tas-Sinonmi Maltin*, *Jonqos Ktieb leħor* – fejn igħid kif għandek tikteb l-ittri u jittama li joħroġ ktieb fuq hekk – *Poeżija Tagħna* – studju kritiku letterarju ta' *Katrin ta' L-Imdina* – *Is-Sunett*, *Iż-Żmien u s-Sabar fil-Kitba Maltija*, *X'Inhi Letteratura*, *Għal-fejn Tiswa*, *Il-Ħsieb u l-Kelma* u l-itwal biċċa xogħol, *Is-Sengħa tal-Kitba*. L-istil hu dejjem sempliċi, ċar u mexxej kif jidher f'dawn il-paragrafi minn kitbiet diversi:

"Ara, jekk trid tqajjem fil-bniedem il-ħajra ta' ħaġa u tħeġġeġ fih il-qawwa tar-rieda biex jaqlagħha, ċaħħdu minn dik il-ħaġa. Dan minn awl id-dinja. Għid lit-tifel li ma għandux ħila jarfa' ġebla mill-art għaliex tqila, u tarah jintafa' b'saħħtu kollha u b'qalbu kollha biex jurik li jista' jerfagħha" (Is-Sunett, settembru 1935).

"Niftakru mela: mhux min jikteb l-aktar iżda min jikteb l-aħjar, u biex wieħed jikteb l-aħjar irid iż-żmien – żmien ta' ħsieb, ta' qies, ta' fili ta' kull ma jiġri madwarna – u s-sabar fit-tiswija, fir-rqim ta' dak li fil-ħeġġa tal-kitba jista' joħorġilna mill-pinna. Iż-żmien u s-sabar fil-kitba huma bħall-ilma u l-ħalib fis-siġar: huma biss iġibu l-ward sabiħ u l-frott bnin tal-letteratura". (Edit. Marzu 1938)

Issa l-proża, bħal poeżija, għandha r-regoli tagħha. Għalhekk qabel ma wieħed jagħti ġudizzju fuq Dun Karm bħala prożatur jixraq li wieħed ikollu ċar quddiem għajnejh x'inhi proża tajba. Sir Maurice Bowra jikteb hekk fuq il-letteratura Griega li tinkludi l-proża ta' Demostene u Tusidide

*Greek literature achieves its special distinction by omitting everything that is not essential to the plan of the whole and securing its effect by the power given to each part in its place. The Greeks had a sure instinct for what was really significant and they omitted everything else.* (Greek

Literature p. 13)

Cicerun, prożatur ċelebri, kien jammira fl-oħrajn il-qawwa tal-għażla u t-tqegħid tal-kliem u kien jirsisti għad-dekor fil-kitba. Kien isostni li proża tajba tingħaraf minn ritmu tajjeb, u aktar ma l-arti tar-ritmu tkun moħbija akbar ikun l-effett. Imma Cicerun kiteb aktarx biex jinstema'. Ġulju Cesare li kiteb biex jinqara u baqa' wkoll magħruf għall-proża tiegħu, ingħażel mill-oħrajn billi kien jaf l-ilsien tajjeb, użah pur u żamm id-dekor fil-kitba. (Ara Laidlow)

Ezra Pound igħid: "*Incompetence will show in the use of too many words*" u jżid "*one definition of beauty is aptness to purpose*" (ABC of Reading).

Ġużè Aquilina fil-*Polz ta' Malta* jikteb li proża toħroġ tajba minn għaqda ta' erba' elementi: immaġinazzjoni qawwija, sengħa tal-kelma, sensibbiltà u idejat u ntwizzjonijiet mhux ordinarji. (Il-Kitba tal-Proża)

Dun Karm ukoll jagħtina d-definizzjoni tiegħu tal-proża. Hekk jikteb fis-*Sengħa tal-Kitba:*

"Wieħed jinqeda bil-proża biex ifisser dak li għandu f'moħħu, bil-poeżija biex iħenni ... fil-proża issib kollox wati; min jaqra l-proża qisu qiegħed jisma' lil min jitħadded, biżżejjed jisimgħu biex jifhmu ... iżda le ma jista' jkun hemm proża li fiha ma tidħolx xi ftit poeżija".

Il-kitba għal Dun Karm għandha l-qalba u l-qoxra. Kitba b'qalbha tajba toħroġ minn wieħed li kellu tħejjija tajba tal-moħħ, tal-qalb u tal-fantasija. Il-qoxra sabiħa jew kerha tal-kitba tiġi mit-tagħrif tajjeb jew ħażin ta' l-ilsien li juża l-awtur u ta' l-awturi li wżawh qablu.

Minn dan kollu nisiltu li proża tajba trid turi: (i) sensibbiltà, immaġinazzjoni u idejat mhux komuni (ii) għarfa tal-lsien, kliem u grammatika u (iii) sengħa li tgħaqqad dawn it-tnejn fi stil u ritmu li jogħġob il-widna u ma jgħajjix il-moħħ biex jgħaddi l-messaġġ lill-qarrej.

Issa naraw kemm Dun Karm għandu minn dawn l-elementi fil-proża tiegħu.

Ma jistax jonqos li Dun Karm kellu sensibbiltà u immaġinazzjoni kbira. Dawn kienu meħtieġa biex laħaq il-livell li laħaq fil-poeżija u daħħalhom ukoll kull meta kiteb proża. Biżżejjed wieħed jaqra l-editorjal: "*Poeta titwieled, ma ssirx*", biex jagħraf l-immaġinazzjoni tiegħu. Hawn iqabbel lil min ma twelidx poeta u jrid jikteb il-versi ma' tifel li tela' fuq il-bejt għax ħaseb li jista' jilħaq il-kwiekeb. Dun Karm jibni din il-kitba fuq dan ix-xebh u teżi aktarx diffiċli: joħrogħha tant sempliċi u ħelwa. Eżempju tas-sensibilita ta' Dun Karm huwa l-editorjal: *Lourdes u l-Għanja Maltija.* L-għażla tat-tajjeb mill-ħażin, is-sabiħ mill-ikreh, ma kenitx tqila għal Dun Karm. Għal dawk li huma idejat oriġinali Dun Karm ma kienx mill-

kbar. Hu kien kittieb klassiku li mexa fuq il-passi ta' dawk li ġew qablu u l-idejat tiegħu huma aktarx imnissla fl-awturi Latini, Taljani u awturi ekleżjastiċi. Imma billi dawn ħafna drabi huma oriġinali fil-letteratura Maltija, in-nuqqas ta' oriġinalità fil-ħsieb ma tnatx jidher. U avolja meta dan jidher ħadd ma jasal biex igħid li l-idejat ta' Dun Karm kienu komuni.

Dwar it-tieni punt, l-għarfa tal-lsien nistgħu ngħidu li Dun Karm kien jafu tajjeb l-ilsien li tagħtu ommu. Għażla ta' kliem fil-proża kellu daqs kemm kellu fil-poeżija. Meta niġu għall-grammatika wieħed isib xi ftit każi fejn Dun Karm ma jaqbilx f'kollox mar-regoli. Insibu raxxa ta' kliem bħal "l-ura", "l-koll", "dwejjak", "il-fuq", "iebsin", "tjieba"[1] ukoll "tqiq" flok "dqiq" mhux miktuba skond l-ortografija. F'xi każi rari s-sintassi hija mdakkra mit-Taljan. Eżempju: Fi *Il-Malti* Diċembru 27 p. 112 – "u ta' oħrajn kittieba tal-lum" flok "u ta' kittieba oħrajn tal-lum". Ġie wkoll li uża xi espressjoni li ma tantx iddoqq fil-Malti – "ma' tulek ja nhar" (*Inez u Emilja* p. 38) u "inkellê" flok "inkella" (Marzu 25 *Sengħa tal-Kitba*). Imma dawn huma ntietef li qajla jidhru fil-mixja tal-proża ta' Dun Karm. Għandna wkoll niftakru li Dun Karm kiteb 'l fuq minn kwart ta' seklu ilu meta l-Malti kien għadu ma ffurmax ruħu kif nafuh illum.

Meta niġu għat-tielet punt – kemm Dun Karm kellu ħila jħaddem ilsienna biex joħroġ x'kellu f'moħħu u f'qalbu – jkollna nammettu li Dun Karm irnexxa ferm. Il-ħsieb huwa dejjem ippreżentat ċar, ix-xebh, jew mirja kif isejjaħlu hu, dejjem f'loku u l-istil u r-ritmu jdoqqu ħelu fil-widna. Araw kif ippreżenta ħsieb – xebh ċar kliem magħżul ħafif u l-messaġġ jasal għand il-qarrej ċar u bla sforz ta' xejn.

"It-talb bħall-użin. Qiegħed pis ġo keffa u itfa' għabra dqiq[1] ġo l-oħra. Il-miżien ma jitħarrekx u hekk aktarx għal bosta drabi. Iżda fl-aħħar jasal il-ħin illi d-dqiq jegħleb u l-miżien jaqleb.

Hekk it-talb. Titlob darba u ma taqlax; titlob darb'oħra u tarġa' ma taqlax, u hekk għandu mnejn għal bosta drabi. Iżda fl-aħħar tiġi siegħa meta l-qawwa tat-talb tirbaħ u l-grazzja tinżel. (*Il-Malti* Diċembru 25)

Għalhekk ma nistgħux ngħidu li Dun Karm fil-proża ma qagħadx għar-regoli tal-kitba letterarja. Jekk hemm nuqqasijiet, dawn ma humiex fundamentali u x'aktarx li huma fejn ir-regola mhix stretta u għalhekk il-kritika fuq dawn tkun aktar suġġettiva milli oġġettiva. Għandi f'moħħi ż-żewġ każi fejn Dun Karm jista' jkun ikkritikat, kif ġie li kien, jiġifieri l-ewwel kemm Dun Karm qagħad għal grammatika Maltija u t-tieni jekk Dun Karm daħħalx poeżija fil-proża iktar milli messu daħħal.

Fuq il-grammatka naħseb li Dun Karm kellu sens ta' proporzjon, kien

[1] L-ura – Diċembru 30, l-koll – Settembru 35, dwejjak u il-fuq – Marzu 25, iebsin – Sunett Settembru 35, tjieba – Settembru 35 (iżda tieba f'*Inez u Emilja*).

jaf sa fejn tasal l-importanza tar-regola, kien jaf li l-għan ewlieni tal-kitba hu li bniedem iwassal lil bniedem ieħor messaġġ bla tbatija għall-wieħed u għall-ieħor. Naħseb li kien jifhem li waqt li għandna noqogħdu għar-regoli tal-grammatika għall-ġid ta' kulħadd ma għandniex insiru lsiera tar-regoli jew biex ma niksrux xi tikka minn xi regola ndallmu l-ħsieb jew innaqqsu mill-ħlewwa tal-proża.

Per eżempju, il-ħafna sentenzi bla verb fil-kitba ta' Dun Karm jistgħu jagħtu fastidju lil xi wħud. Hekk ukoll il-bidu ta' ħafna sentenzi u paragrafi b'konġunzjoni l-iktar bl-"U". L-editorjal ta' Ġunju tal-'35 ifakkrek fil-*Kotba Mqaddsa* – seba' paragrafi minn tletin bdiehom bl-"u". Imma l-qarrej ma jiddejjaqx u l-messaġġ jasal sħiħ u ċar. Il-verb fis-sentenza Maltija mhux meħtieġ daqs kemm hu f'ilsna oħra ta' nisel Latin, u meta ndaħħluh bla bżonn fil-Malti jdejjaq il-widna. "Il-Poeżija aqwa mill-proża" iddoqq iżjed minn "Il-poeżija hija aqwa mill-proża". Dun Karm donnu jisma' dak li jkun qed jikteb u ma kien iħalli xejn idejqu fil-ħoss tal-kitba tiegħu. Għalhekk hu kiteb "jekk dak id-*w*, dik il-*q*, dik iċ-*ċ* bit-tikka ...[2] (Sett 30). Kittieb tal-Malti safi kien jikteb: dik il-*w*, dik il-*q*, dik iċ-*ċ* biex ikun kitibhom kif nitgħallmuh fil-Malti flok il-ħoss Ingliż li uża Dun Karm. Imma b'daqshekk il-proża tal-Malti pur żgur ma kinitx tingħoġob daqs ta' Dun Karm.

Jekk Dun Karm daħħalx iżjed poeżija fil-proża tiegħu milli kien jixraq mhix ħaġa li wieħed jaqtagħha malajr. L-ewwelnett l-għażla bejn poeżija u proża mhix għażla ċara bħal dik bejn l-abjad mill-iswed. Il-proża u l-poeżija fihom ħafna elementi komuni, fit-tnejn jidħlu l-idejat u l-immaġinazzjonijiet u f'kull kitba letterarja, proża u poeżija, irid ikun hemm ritmu, ħlewwa u preċiżżjoni li jolqtu lill-qarrej.

Issa l-poeżija tagħfas iżjed fuq il-qalb u tistieden lill-qarrej jissieħeb ma' l-awtur fl-immaġinazzjoni tiegħu, imma b'daqshekk ma jfissirx li fil-proża dan ma għandu jiġri qatt. Jekk is-suġġett li ħa l-kittieb jiflaħ għal doża qawwija ta' poeżija biex jasal iktar malajr għand il-qarrej dan ma jfissirx li l-proża saret poeżija jew proża ħażina. Ma nafx kif wieħed jista' jikteb fuq l-imħabba mingħajr ma jdaħħal xi elementi poetiċi bħal ma għamel Dun Karm fl-editorjal ta' Marzu 1936 – *L-Imħabba, Dik Tħoll u Torbot.* Hekk ukoll għamel f'Diċembru ta' l-istess sena meta ried imiss il-qalb tal-membri tal-Għaqda b'kitba riflessiva f'egħluq sena oħra ta' xogħol għall-ilsien Malti. Fejn imbagħad il-poeżija ma kienx hemm lokha Dun Karm ma daħħalhiex. Il-kitba twila tiegħu *Is-Sengħa tal-Kitba* li dehret f'seba' puntati ma kenitx bl-iskop li tqajjem l-immaġinazzjoni u

[2] Ma naħsibx li Dun Karm kien qed jikkwota l-egħdewwa tal-Malti fil-ħoss, għax dawn x'aktarx kienu nies li jużaw pronunzja Taljana u mhux Ingliża.

l-entużjażmu. Għalhekk hawn Dun Karm ma daħħalx elementi ta' poeżija ħlief bħala eżempju biex ifisser lill-qarrej x'inhi poeżija.

Kull tant insibu xi frażi jew sentenzi fil-proża ta' Dun Karm li dehret ukoll f'xi poeżija minn tiegħu. Nagħti eżempju wieħed. F'Settembru tas-37 Dun Karm kiteb fuq Dun Mikiel Xerri u staqsa:

"Iżda għaliex la hu u anqas poeta ieħor ma ħaseb iċanfar lill-pajżani tiegħu li ħallew minsi għal kollox bniedem li fi żmenijiet oħra kienu jitkabbru bih Atene u Ruma?"

Fuq l-istess nota Dun Karm spiċċa s-sunett tiegħu *Dun Mikiel Xerri:*

*"Għax tajfitna b'għamilek sfat mirquma*
*U għall-qawwa li wrejt quddiem l-egħdewwa*
*Kienu jitkabbru bik Atene u Ruma".*

Meta wieħed jaqra l-biċċa proża u jkun diġà qara s-sunett dlonk igħid: din biċċa poeżija mis-sunett, u forsi f'qalbu jċanfar lil Dun Karm talli daħħal dil-biċċa. Iżda jekk ma jkun qatt qara s-sunett *Dun Mikiel Xerri,* dan żgur li ma jara xejn ħażin. U jekk nerġgħu naqraw il-biċċa proża u nifluha tajjeb ikollna naqblu li hi proża tajba, skond ir-regoli mingħajr element ta' poeżija. X'aktarx ukoll li nintebħu li l-ewwel ġudizzju ma kienx ħlief skerz tal-moħħ. Għax nafu lil Dun Karm bħala poeta naraw il-poeżija f'kull ma jikteb. Hekk malli nsemmu lir-Russi mill-ewwel tiġi f'moħħna l-ideja ta' Kommunisti. Jekk niltaqgħu ma' Skoċċiż li ma jtajjarx flusu iktar minn ħaddieħor dritt moħħna jagħmlu xħiħ.

Imma l-fama ta' Dun Karm bħala prożatur fil-Malti ma sofrietx biss mill-imperfezzjoni ta' moħħ il-bniedem fil-każ ta' l-element poetiku. Dun Karm kien l-ewwel u qabel kollox poeta. Għax laħaq l-ogħla liveli fil-poeżija, nħossu qalbna tinġibed jekk naraw li ma laħaqx dak l-għoli f'oqsma oħra. Id-difetti tiegħu fil-proża narawhom kbar għax għamilhom Dun Karm, il-merti narawhom żgħar għax ma jlaħħqux ma' dawk li kiseb fil-versi,

Fl-essay *Il-Kitba tal-Proża,* Ġuże Aquilina kiteb:

"M'hemmx bżonn li kull prożatur u kull poeta jilħaq il-quċċata li jilħquha biss il-ġganti tal-ġenju. Biżżejjed li l-prożatur u l-poeta jinqata' mill-art bħal għasfur fis-sema ikħal u jisseqqer fuq l-irjus tan-nies medhija bil-kummerċ u t-traffiku tal-ħajja. Imma min bil-versi jew bil-proża ma jinqatax mill-kotra u la jixraqlu l-isem ta' poeta u lanqas ta' prożatur."

Jiena naħseb li Dun Karm inqata' mill-folla mhux biss fil-poeżija imma wkoll fil-proża. Bil-versi tiegħu laħaq l-ogħla quċċata fil-Malti, bil-proża ta' *Inez u Emilja* u b'dak li kiteb fil-ħarġiet ta' *Il-Malti* hu laħaq quċċata oħra moħbija bejn il-kbar imma fl-istess ħin 'il fuq, 'il fuq mill-wileġ tal-kotra.

# 'L-IKKUNDANNATA' FIT-TEATRU TA' L-UNIVERSITÀ

NHAR is-Sibt u l-Hadd, 29 u 30 t'April, 1967, fis-6 p.m. fit-Teatru ta' l-Università, il-Fergħa Drammatika ta' l-Għaqda tal-Malti (Università) ippreżentat l-istudenti "teachers" tal-Kors ta' Filgħaxija fid-dramm b'erba' atti tal-Professur Ġużè Aquilina, President ta' l-istess Għaqda.

F'teatru mimli fiż-żewġ preżentazzjonijiet, is-segretarju ta' l-Għaqda, is-Sur Alfred Degabriele, qal li ż-żewġ għanijiet li wasslu l-Fergħa Drammatka biex tippreżenta dak id-dramm kienu tnejn: li jġibu fuq il-palk xogħol letterarju u li jippreżentaw l-istudenti tal-Kors ta' Filgħaxija f'biċċa xogħol maħduma minnhom. Huwa faħħar l-entużjażmu li wrew dawn l-istudenti u raddilhom ħajr f'isem l-Għaqda tal-Malti (Università).

Dan id-dramm iġibilna quddiem għajnejna ġrajjiet li tgħaddi minnhom l-umanità kollha. Niltaqgħu mal-ħtija sogħbiena, mal-fidi superfiċjali, mal-Fariżejiżmu intolleranti, ma' l-imħabba beżgħana, maż-żgħożija romantika u mal-maħfra Nisranija. Il-ġrajja twassal sa traġedja li tkun kawża tal-Fariżejiżmu intolleranti.

L-attriċi u l-atturi ħaqqhom tassew prosit għall-mod hekk tajjeb li ħadmu l-parti tagħhom. Kollha taw sehemhom mill-aħjar li setgħu. Naturalment akbar m'hija l-parti aktar hemm iċ-ċans li tispikka: iżda fil-fehma tiegħi kollha ħaqqhom tifħir: Irene Mercieca li ħadmet il-parti ta' Marjon, Anne Borġ fil-parti ta' Geltrude, Anne Barbara fil-parti ta' Gerty, M. Viola Theuma bħala Kelina, Bernadette Licari fil-parti ta' Anna; Paul Mizzi li ħadem il-parti tas-Sur Manwel, Roman Azzopardi fil-parti ta' Freddie; Godwin Scerri bħala "Raġel", Robert Borġ bħala t-tifel ta' Anna u Stephen u Marika Spiteri bħala Lino u Josephine.

Naturalment ma nistgħux ma nfaħħrux lil Charles Abela Mizzi, li kellu l-produzzjoni f'idejh, lil John A. Sant li ħa ħsieb id-direzzjoni, lil Mario Cacciottolo, 'l Arthur Sammut u Leslie S. Agius li kellhom f'idejhom it-thejjija tal-palk, lil Karmenu Vella li ħa ħsieb l-effetti u d-dwal u s-suġġerituri Carmel Galea Scannura u Gloria Warren. It-tifħir tagħna jmur ukoll għas-sur Charles Camilleri, Mus.Bac. li kiteb in-'Nursery rhyme'.

Ma nistgħux nagħalqu mingħajr ma nsemmu b'tifħir iż-żewġ xenarji li kellu d-dramm u li tant ħolqu kuntrast: wieħed ta' kamra għanja u ieħor ta' waħda fqira. Il-ħajr tagħna jmur għal Leslie S. Agius li għamilhom.

a.d.

# ULIED TAL-AZZAR

Ta' VICTOR APAP

APPREZZAMENT

ULIED tal-azzar huwa wieħed mir-rumanzi li ħarġu dan l-aħħar u li jifforma parti mix-xejra l-ġdida li qiegħda tieħu l-letteratura tagħna f'dawn l-aħħar snin, xejra aktar realistika u marbuta mal-ġrajja ta' Malta fi żminijiet aktar qrib tas-seklu tagħna.

Naraw l-ewwel x'inhu s-suġġett tar-rumanz u kif tisvolġi ruħha l-ġrajja. Niltaqgħu ma' familja sinjura f'San Ġiljan, il-missier is-Sur Fred Magri, martu s-Sinjura Karm u t-tfal tagħhom, żewġ ġuvintur tewmin Donald u Albert, it-tnejn fizzjali tal-Artillerija u tfajla Irene. L-omm mitlufa fuq il-pittura, it-tifla mitlufa fuq il-ballet. It-tewmin jaqblu f'kollox u l-missier kwiet u moħħu f'uliedu. It-tifla Irene moħħha ma tantx fis-serjetà, iżda waqt li missierha ferħan bil-ħabib li għandha, Edwin Farrugia, ommha ma tantx jogħġobha u tippreferixxi ċertu skultur Oscar Pisani li minn naħa l-oħra hu diġà għarus l-Italja u jrid juża lill-Irene biss biex jiltaqa' ma' nies ta' ċertu għoli fis-soċjetà għall-interess tiegħu. Irene tiġġieled ma' Edwin u taqbad ma' Oscar. Sadattant Donald u Albert jintilfu wara l-istess tfajla, kuġina ta' Edwin jisimha Doris. Albert ikellimha l-ewwel u Donald isiefer għall-Eġittu mar-riġment. Edwin ukoll isiefer għall-Ingilterra. Imbagħad tinqala' l-gwerra u Edwin jiġi mibgħut bħala fizzjal fi Franza u hemm jiltaqa' ma' tfajla Franċiża tal-kampanja Louise li tkun tixbaħ lill-Irene, iżda lil Irene ma jinsihiex. Donald min-naħa l-oħra kien iltaqa' u tgħarras ma' tifla ta' familja ta' Maltin fl-Eġittu. Edwin jindarab fir-ritirata ta' Dunkirk iżda meta jfieq jerġa' jiġi għall-xogħol ta' *Commando* ġewwa Franza. Sa dan it-tant Irene tkun telqet lil Oscar u tistqarr ma' ħuha Albert li għad għandha lil Edwin f'moħħha. Taqtagħha li tidħol infermiera f'xi sptar ta' suldati feruti. Fi Franza Edwin qiegħed jiġġieled ma' sezzjoni ta' gwerilli u jerġa' jiltaqa' mat-tfajla Franċiża Louise. Din tkun tħobbu lil Edwin għalkemm hu kellu biss f'moħħu lil Irene. Iżda Louise taqa' vittma tal-Ġermaniżi li jagħrfuha bħala spija. Donald jegħreq meta l-fregata li hu kien fuqha tintlaqat minn bomba ta' ajruplan. Albert jiżżewweġ lil Doris u Irene tmur infermiera Sqallija. Il-gwerra tispiċċa u Edwin u Irene jiġu lura Malta u jtejjġu.

Dan huwa fil-qosor ferm l-iskeletru tal-istorja. Issa minn barra din il-ġrajja personali hemm stejjer oħra li jgħinu biex iżommu lil min ikun

qiegħed jaqra imdaħħal fl-interess. Hemm ngħidu aħna l-episodju tal-waqgħa tad-dar tal-ġenituri ta' Doris fil-ħbit fuq il-vapur *Illustrious*, u l-ġlieda tal-*commandos* fi Franza u l-ispjunaġġ ġo kwartier Ġermaniż mit-tfajliet Franċiżi tal-Maquis.

Episodju ta' tqanqil il-qalb (pathos) insibuh meta ngħidu aħna Donald ikollu juri lil Doris li hu wkoll iħobbha għalkemm hi kienet issa diġà għarusa lil ħuh, u li kien sejjer imur l-Eġittu minħabba fiha, u mill-Eġittu ma jiġi lura qatt għaliex imut imgħarraq.

Minn-naħa l-oħra l-kittieb jaf itaffi t-toqol tal-azzjoni bl-umoriżmu. Fil-kruha tal-gwerra, Malta bil-ġuħ u kulħadd inkwetat u Wenzu, x-xufier tas-sur Magri imwerwer mill-bombi, jixtieq jinżel fix-xelter u ma jinqalax minn hemm sa kemm tieqaf il-gwerra.

Il-karattri huma maqlugħin tajjeb u kull wieħed hu żviluppat għalih waħdu. Jidher ċar li l-persunaġġi mhux qegħdin hemm sempliċiment biex tkompli l-istorja. Ma jfissirx li huma xi studji psikoloġiċi imma xi persuni għandhom żvilupp tal-personalità mhux ħażin, speċjalment Irene u sa ċertu punt Louise. F'Irene għandna l-bidla minn tfajla immatura u xi daqsxejn supperva għal tfajla serja u ta' responsabbilità. Għall-ewwel tisbel u tieħu għaliha għal kull min juriha xi difett fiha nnifisha. Taqbad ma' Oscar aktarx biex tinki lil Edwin u lanqas biss tinduna li hi kienet qed isservi ta' għodda f'idejn l-iskultur biex jilħaq l-għanijiet tiegħu u mbagħad iħalliha bħall-erbgħa fost il-ġimgħa. Fl-aħħar tar-rumanz hi tfajla serja lesta biex tagħmel sagrifiċċju għal pajjiżha u tmur infermiera qalb is-suldati feruti ġo Sqallija.

Ir-rumanz hu mibni fuq sfond storiku li hu essenzjali għall-ġrajja. L-isfond jiġifieri mhux sempliċiment il-gwarniċ tar-rumanz, hu parti minnu. Hi l-gwerra li tmexxi l-azzjoni tal-protagonisti kollha. Donald jitlaq mill-Eġittu u jegħreq meta l-fregata li jkun fuqha tiġi milquta, Albert wiċċu mal-mewt fuq il-kanuni tal-Belt, Irene infermiera fi sptar Malta li jiġġarraf u wara fi sptar ieħor Sqallija, Edwin jiġġieled u jiġi ferut f'Dunkirk u wara jerġa' jmur lura Franza bħala *commando*. Hu sewwa sewwa meta tispiċċa l-gwerra li r-rumanz jista' jispiċċa biż-żwieġ ta' Irene u Edwin.

Kif rajna ir-rumanz hu realistiku. Vic Apap ftit jitlob *willing suspension of disbelief* mill-qarrej. Kull ma jikteb jista' jkun li ġara u jekk forsi għall-ewwel naħsbu li kienet kumbinazzjoni li Edwin jiltaqa' ma' Louise it-tieni darba, jew li Irene tiltaqa' fi Sqallija mal-għarusa ta' Oscar, meta naħsbu ftit dan mhux tant impossibbli. L-ewwelnett Edwin kien reġa' ġie mibgħut fl-istess post fejn qabel kien sar jaf lil Louise u għalhekk la Louise kienet baqgħet toqgħod hemm u kienet qiegħda taħdem ta' spija

mal-Ingliżi ma kienx diffiċli li tiltaqa' ma' Edwin. Fit-tieni kas l-għarusa ta' Oscar kienet studentessa tal-mediċina fl-Italja. Irene tiltaqa' magħha fi sptar Sqallija.

L-istil ta' Apap hu ħafif u modern. Ir-rakkont jimxi mingħajr ħafna tennija u ma nsibux fih ħafna passaġġi u parentesi ta' filosofija. Hu forsi minħabba fin-nuqqas ta' dawn li r-rumanz ma jilħaqx livell klassiku. Il-karattri u s-sitwazzjonijiet mhumiex żviluppati fil-fond morali biżżejjed biex jitolbu spjegazzjoni psikoloġika u hawn naraw id-differenza kbira bejn dan ir-rumanz u ngħidu aħna *Taħt Tliet Saltniet* tal-Professur Aquilina, fejn il-karattri huma mogħtijin skop u motiv psikoloġiku għall-azzjonijiet tagħhom. Apap għażel li jħalli lill-persunaġġi tiegħu żviluppati biżżejjed biex jinqalgħu tajjeb wieħed mill-ieħor.

Il-kitba kif għidna hi ħafifa u Apap irnexxielu joħloq skema li biha ma jitlifx l-interess tal-qarrej. Meta l-kittieb ikun qiegħed jikteb fuq wieħed mill-persunaġġi, jkollu bilfors jitlaq lill-qarrej. Dan aktar jidher meta, kif għandna fir-rakkont, il-karattri jkunu mqassmin bejn Malta, Franza u l-Eġittu. Meta Apap jikteb fuq Edwin fi Franza jkollu jinsa lil Irene, Albert, Doris u l-ġenituri tagħhom f'Malta u lil Donald u Melita fl-Eġittu. Din id-diffikultà Apap ħeles minnha billi żamm l-azzjoni sempliċi kemm jista' jkun u billi telaq il-fil ta' wieħed mill-karattri f'punt interessanti, biex jaqbad fl-ieħor, isegwih sakemm jerġa' jiġi f'punt interessanti, mbagħad ikompli b'ta' qabel. Dan narawh l-aktar fl-istorja ta' Edwin u Louise fejn Apap jurina li l-Ġermaniżi ndunaw li Louise hi spija, imbagħad jitlaqna fuq ix-xwiek, jibdel ix-xena għall-Eġittu fejn naraw lil Donald għand ta' Azzopardi sakemm nisimgħu bl-aħbar li Donald għereq, imbagħad Apap jerġa' jaqbad l-episodju ta' Louise u Edwin.

*Ulied tal-Azzar* huwa wieħed mill-aħjar rumanzi li ħarġu dan l-aħħar. In-nota ta' realiżmu naraw li qiegħda tissaħħaħ fil-waqt illi r-rumanz Malti għadu marbut sħiħ mal-istorja ta' pajjiżna, din id-darba il-ġrajja tal-aħħar gwerra dinjija.

GODWIN MUSCAT AZZOPARDI

*Memorandum tal-Professur Ġ. Aquilina lil Dr. T. Caruana Demajo, Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, dwar Jedd-il-Kitba għal dak li għandu x'jaqsam mal-liġi tal-copyright li tinsab imressqa quddiem il-Parlament.*

Fis-7 ta' dax-xahar, f'laqgħa li kelli miegħek fl-offizzju tiegħek flimkien m'oħrajn, fissirt fehmti għaliex il-liġi ġdida dwar il-*copyright* kif, tressqet quddiem il-Parlament, mhix għall-ġid la tal-pajjiż u lanqas ta' l-Awturi Maltin minħabba t-tnaqqis tal-*copyright* minn 50 sena għal 25 wara il-mewt ta' l-awtur. Hawnhekk niġbor fil-qosor bil-miktub l-argumenti li semmejt.

Il-liġi dwar il-*copyright*, kif għadha mressqa quddiem il-parlament Malti:

1. Iċċaħħad lill-awtur mis-sens ta' sigurtà relattiva għal żmien għall-inqas mhux aqsar minn 50 sena wara mewtu fuq il-proprjetà tax-xogħol intellettwali tiegħu.

2. Tikkaġuna dwejjaq u niket lit-tfal jew l-armla tiegħu meta jaraw ix-xogħol tal-kap tal-familja innegozjat mill-barranin; l-aktar jekk l-awtur ikun miet żgħir u ħalla wlied u/jew armla fil-bżonn.

3. Tqiegħed f'pożizzjoni ta' inferjorità lill-familja tal-awtur (ħaddiem intellettwali) apparagun mal-familja tan-negozjanti u kontratturi li jagħmlu flus iżjed f'ħajjithom u madankollu wliedhom igawdu l-frott ta' missierhom għal dejjem.

4. Jekk il-liġi dwar il-*copyright* tnaqqas iż-żmien, tagħmel ħsara kbira lid-drittijiet tal-familja ta' l-awtur ta' kotba serji li jsiru popolari biż-żmien waqt li ma tfixkel bl-ebda mod xogħlijiet ta' suċċessi popolari li jagħmlu ħoss kbir għal ftit snin u mbagħad jispiċċaw.

5. L-awtur Malti li jikteb f'soċjetà għadha ħierġa mill-analfabetizmu u li għalhekk għadha ma bdietx taqra ħafna bil-Malti, f'ħajtu ftit flus jagħmel bix-xogħlijiet tiegħu, imma tista' tkun aħjar minnu l-familja tiegħu fi żmenijiet oħra 'l quddiem, naturalment jekk il-Gvern ma jqassarx iż-żmien tal-proprjetà letterarja.

6. Għal dawn u raġunijiet oħra, wara konsiderazzjoni ta' dawn l-argumenti, nitlob bil-qima kollha lill-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament biex joħroġ lill-awturi Maltin mir-restrizzjonijiet ġodda li jissemmew fil-liġi l-ġdida dwar il-*copyright*.

7. Malta Indipendenti biex ikollha bħal pajjiżi oħra klassi ta' intellettwali, u awturi serji ta' kotba li jgħallmu, jirfinaw is-sentimenti u jheġġu il-poplu għal ideali isbaħ, jeħtiġilha l-protezzjoni u l-inkoraġġiment tal-Gvern għall-awturi tagħha.

8. Il-liġi dwar il-*copyright* li hemm imressqa quddiem il-Parlament, jekk ma tissewwiex fil-waqt, sa tkun ta' ħsara kbira u tifxkil għall-awturi Maltin u l-familji tagħhom.

9. Tabilħaqq li xi pajjiżi Afrikani biex jaqblu ma' l-UNESCO naqqsu l-*copyright* minn 50 għal 25 sena, imma dawk l-istati li għamlu hekk jista' jkollhom ir-raġunijiet tagħhom, aħna wkoll għandna r-raġunijiet tagħna. Għalina l-Maltin jaqbel mhux li naqbdu t-triq il-ġdida ta' xi Stati Afrikani, imma li nibqgħu sejrin fejn għadna sa issa flimkien ma' l-Ingilterra u pajjiżi oħra Ewropej li għadhom iżommu l-*copyright* għall 50 sena wara mewt l-awtur.

18 ta' Novembru 1966.

## FITTIXT

*Fittixt il-muftieħ ġo qiegħ il-bir fond u*
*Rempilt biex intellgħu; erġajt u għal xej*
*Kelli nisfronda l-bieb b'daqqa ta' spallti*
*Sa ma farrakt il-misterju tal-Ħajja*
*Biċċa biċċa bħal mera tal-komodina*
*Weġġajt u mtlejt kollni dmija.*
*Is-sigħat għarkubbtejja, sa naqa' bil-għaja*
*Infittex il-bċejjeċ tal-ħġieġa miksura,*
*Biex ngħaqqad il-mera li tiġbor id-dawl*
*Ix-xbieha tal-Jien li tfarrket ukoll.*
*Minn barra, l-irjieħ qed jonfħu u jobormu*
*Belliegħa qed tħawwad il-ħama fil-qiegħ*
*Iddur u tinbaram*
*Tinbaram u ddur*
*Kollox maqlub . . . kollox miksur . . . il-mera . . .*
*Il-muftieħ . . . u l-Jien.*

8.5.67 G. AQUILINA

*Stampat l-M.U.P.*